MALTA

ATT Nru. XVII ta' l-1991

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jipprovdi għat-twaqqif ta' korp magħqud li jkun magħruf bħala l-Awtorità Marittima ta' Malta, għat trasferiment lil dik l-Awtorità tas-setgħat mogħtija b'liġi lid-Direttur tal-Portijiet, u għall-eżerċizzju u l-qadi minn jew f'isem dik l-Awtorità ta' funzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' portijiet u bastimenti merkantili f'Malta; biex jipprovdi għat-trasferiment ta' xi attiv lill-imsemmija Awtorità; u biex jipprovdi dwar ħwejjeġ anċillari għalihom jew konnessi magħhom.

ACT No. XVII of 1991

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to provide for the establishment of a body corporate to be known as the Malta Maritime Authority for the transfer to that Authority of the powers vested by law in the Director of Ports, and for the exercise and performance by or on behalf of such Authority, of functions relating to ports and merchant shipping in Malta; to provide for the transfer to the said Authority of certain assets; and to make provision in respect of matters ancillary thereto or connected therewith.

ATT TA' L-1991 DWAR L-AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

ARRANĠAMENT TA' L-ARTIKOLI

Preliminari

1. Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ
2. Tifsir

TAQSIMA I

Kostituzzjoni, Għamla u Funzjonijiet ta' l-Awtorità

3. Kostituzzjoni ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta
4. Għamla ta' l-Awtorità
5. Rappreżentanza legali u ġuridika ta' l-Awtorità
6. Funzjonijiet ta' l-Awtorità
7. Setgħat ta' l-Awtorità
8. Diretturi Eżekuttivi u delega ta' funzjonijiet
9. Proċeduri ta' l-Awtorità
10. Relazzjonijiet bejn il-Ministru u l-Awtorità
11. Eżenzjoni
12. Kumitat Konsultattiv ta' Min Juża l-Portiiiet

TAQSIMA II

Dispożizzjonijiet Finanzjarji

13. L-Awtorità tħallas l-infieq mid-dħul
14. Setgħa għal self ta' kapital
15. Self mingħand il-Gvern
16. Kuntratti għall-provvisti jew xogħlijiet
17. Estimi ta' l-Awtorità
18. Kontijiet u Verifika
19. Depożitu ta' flus u ħlasijiet
20. Rapport annwali

TAQSIMA III

Trasferiment ta' Ċertu Attiv lill-Awtorità

21. Trasferiment ta' attiv lill-Awtorità
22. Ftehim ta' liġijiet, kuntratti eċċ, dwar attiv trasferit
23. Dispożizzjonijiet tranżitorji

TAQSIMA IV

Uffiċjali u Impjegati ta' l-Awtorità

24. Hatra ta' uffiċjali u mpjegati ta' l-Awtorità
25. Allokazzjoni ta' uffiċjali pubbliċi għal xogħol ma' l-Awtorità
26. Offerta ta' mpieg permanenti lil uffiċjali pubbliċi

TAQSIMA V

Dikjarazzjoni u Regolament ta' Portijiet

27. Dikjarazzjoni ta' portijiet
28. Setgħa għall-eġħmil ta' regolamenti
29. Reġistrazzjoni u liċenzar ta' dgħajjes u bastimenti ma' u mill-Awtorità
30. Tagħrif li għandu jingħata mal-wasla ta' bastiment
31. Tagħrif li għandu jingħata qabel jitlaq bastiment
32. Tagħrif dwar oġġetti ppreżentati għall-imbark jew biex jitqiegħdu f'imħażen
33. Bastiment f'port għandu jkollu l-ekwipaġġ xieraq
34. Tħoll̇ija ta' bastiment qiegħed
35. Bastiment li jkun tħalla qiegħed
36. Garanzija għall-ħlas ta' drittijiet, rati, eċċ
37. Setgħat ta' l-Awtorità jistgħu jiġu eżerċitati minkejja mandat
38. Aġent ma jistax jitlaq aġenzija

TAQSIMA VI

Drittijiet, Hlasijiet u Rati tal-Port

39. Ġbir ta' drittijiet, eċċ.
40. Pleġġ jew privileġġ dwar rati
41. Pleġġ għan-noll u drittijiet oħra
42. Helsien ta' pleġġ
43. Setgħa ta' l-Awtorità li tbiegħ oġġetti

44. X'isir mid-dħul tal-bejgħ
45. Helsien jinżamm sakemm jitħallsu r-rati
46. L-Awtorità tista' titla' fuq bastiment
47. Użin u kejl ta' oġġetti f'każ ta' kwistjoni
48. Hlas ta' spejjeż ta' użin u kejl
49. Ordni li jinżamm bastiment
50. Indenniz meta l-oġġetti jintalbu minn iktar minn persuna waħda
51. Jeddijiet oħra ta' l-Awtorità
52. Setgħa għall-eġħmil ta' regolamenti għall-ġbir ta' drittijiet, ħlasijiet jew pagamenti
53. Applikazzjoni ta' din it-Taqsima

TAQSIMA VII

Pilutaġġ

54. Pilutaġġ obbligatorju
55. Bord dwar il-Pilutaġġ
56. Għoti ta' liċenzi ta' bdoti
57. Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali
58. Irmiġġaturi
59. Għoti ta' liċenza ma joħloqx responsabbiltà
60. Tħassir jew revoka ta' liċenza
61. Dikjarazzjoni dwar kemm ipixka bastiment
62. Bdot irid jipproduċi l-liċenza
63. Responsabbiltà ta' sid jew kaptan
64. Setgħa għall-eġħmil ta' regolamenti dwar pilutaġġ

TAQSIMA VIII

Proċeduri Legali

65. Limitazzjoni ta' azzjoni
66. Hlas żejjed jew nieqes
67. Notifika ta' avviż

TAQSIMA IX

Reati u Dispożizzjonijiet Penali

68. Reati dwar fanali, bagi, eċċ.
69. Wiri ta' dawl li jista' jiġi mitfixkel ma' fanali, eċċ.
70. Tfixkil ta' dħul awtorizzat
71. Navigazzjoni mingħajr bdot
72. Ksur ta' dmir minn bdot

73. Pilutaġġ illegali
74. Evażjoni ta' drittijiet, rati, eċċ.
75. Nuqqas ta' tħaris ta' l-artikoli 30 u 31
76. Prospetti foloz
77. Persuni li jipperikolaw ħajja jew proprjetà
78. Nuqqas ta' tħaris ta' direttiva ta' l-Awtorità jew ta' xi dispożizzjoni ta' dan l-Att
79. Kuntrattur jitqies uffiċjal pubbliku għall-finijiet tal-Kodiċi Kriminali
80. Riżerva għal dispożizzjonijiet penali oħra

TAQSIMA X

Tħassir, Emendi u Riżerva

81. Tħassir
82. Emenda ta' liġijiet
83. Riżerva
84. Att tal-1989 dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta

SKEDI

L-Ewwel Skeda — Portijiet
It-Tieni Skeda — Emendi ta' Liġijiet

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) ĊENSU TABONE
President

19 ta' Lulju, 1991

ATT Nru. XVII ta' l-1991

ATT biex jipprovdi għat-twaqqif ta' korp magħqud li jkun magħruf bħala l-Awtorità Marittima ta' Malta, għat-trasferiment lil dik l-Awtorità tas-setgħat mogħtija b'liġi lid-Direttur tal-Portijiet, u għall-eżerċizzju u l-qadi minn jew f'isem dik l-Awtorità ta' funzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' portijiet u bastimenti merkantili f'Malta; biex jipprovdi għat-trasferiment ta' xi attiv lill-imsemmija Awtorità; u biex jipprovdi dwar ħwejjeġ anċillari għalihom jew konnessi magħhom.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Preliminari

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1991 dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta.

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Portijiet jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet differenti jew għal partijiet differenti ta' dispożizzjonijiet jew għal għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Tifsir.

2. F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità Marittima ta' Malta mwaqqfa bl-artikolu 3 ta' dan l-Att u tinkludi d-Direttur Eżekuttiv li hemm provdut għalih fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 8 ta' dan l-Att;

"ħlasijiet" tfisser il-ħlasijiet li jistgħu jingabru taħt l-artikolu 39 ta' dan l-Att;

"kuntrattur" tfisser persuna li taġixxi bis-saħħa ta' ftehim li tagħmel ma' l-Awtorità skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 8 ta' dan l-Att;

"drittijiet" tfisser id-drittijiet li jistgħu jinġabru taħt l-artikolu 39 ta' dan l-Att;

"Direttur Eżekuttiv" tfisser Direttur Eżekuttiv maħtur taħt l-artikolu 8 ta' dan l-Att;

"pagamenti" tfisser il-pagamenti li jistgħu jinġabru taħt l-artikolu 39 ta' dan l-Att;

"sena finanzjarja" tfisser perijodu ta' tnax-il xahar li jagħlaq fit-tletin ta' Settembru ta' kull sena:

Iżda l-ewwel sena finanzjarja tkun il-perijodu li jibda fid-data li fiha titwaqqaf l-Awtorità skond dan l-Att, u li jagħlaq fit-tletin ta' Settembru tas-sena ta' wara;

"funzjoni" tinkludi setgħa u dmir;

"oġġetti" tinkludi valiġġa, annimali (sew ħajjin jew mejtin) u kull proprjetà mobbli oħra tkun ta' liema xorta tkun;

"ibħra interni" tinkludi kull port, bajja, qala, daħla tal-baħar jew xatt;

"bastiment qiegħed" tfisser bastiment li jkun f'xi port u li ma jkunx użat regolarment skond l-użu xieraq għal dak ix-xorta ta' bastiment għal żmien ta' aktar minn erbatax-il jum; u għall-fini ta' din it-tifsira "bastiment" tinkludi *floating dock*, *floating crane*, tagħmir ta' salvataġġ jew ta' rfiegħ, sew fuq wiċċ il-baħar, mgħarrqin jew immuntati fuq xi nġenji tal-baħar, u barkun, li jitmexxew b'mezzi mekkaniċi jew xort'oħra jew irmunkati, iżda ma tinkludix xi dgħajsa jew xi inġenji tal-baħar, użati biss għad-divertiment jew għall-industrija tas-sajd, jew xi bastiment li jkun qiegħed f'xi port biex jissewwa:

Iżda l-Awtorità tista', għall-finijiet ta' din it-tifsira, fid-diskrezzjoni tagħha, tiddikjara li dgħajsa jew inġenji tal-baħar ma jkunux użati biss għad-divertiment jew għall-industrija tas-sajd, jew li bastiment ma jkunx qiegħed għat-tiswija, u kull bastiment bħal dak jitqies bħala bastiment qiegħed;

"kaptan" tfisser, meta wżata dwar xi bastiment, il-persuna li jkollha l-kmand tal-bastiment jew tkun inkarigata minnu għal dak iż-żmien, iżda ma tinkludix bdot;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-portijiet u għall-bastimenti;

"irmiġġatur" tfisser persuna li għandha liċenza skond l-artikolu 58 ta' dan l-Att;

"għajnuna jew servizzi ta' navigazzjoni" tinkludi kull għajnuna jew servizz maħsuba biex jgħinu jew jiggwidaw il-moviment ta' bastiment, u t-tbattil, it-tfondija u t-titjib ta' xi port;

"uffiċjal" u "impjegat" dwar l-Awtorità tinkludi uffiċjal pubbliku imqabbad għal xogħol ma' l-Awtorità;

"sid" dwar bastiment tinkludi ċ-*charterer* jew l-operatur tal-bastiment;

"bdot" tfisser persuna li għandha liċenza taħt l-artikolu 56 ta' dan l-Att;

"port" tfisser post dikjarat bħala port bl-artikolu 27 ta' dan l-Att jew taħtu, u tinkludi meta jkun xieraq ċentru tal-*yachting* kemm-il darba ma jkunx provdut xort'oħra dwar dak iċ-ċentru;

"faċilitajiet tal-port" tfisser faċilitajiet għall-irmiġġ, irmonk, ankrar jew moviment ta' bastimenti ġewwa port jew fil-qarba tiegħu, jew fid-dħul jew ħruġ ta' port jew ta' qarba tiegħu, għat-tagħbija jew ħatt ta' oġġetti, jew għall-imbark jew l-iżbark ta' passiġġieri fuq jew minn xi bastiment bħal dan, jew għat-tagħbija fil-braken jew għall-għażla, użin, ħażna jew maniġġar ta' oġġetti, u għall-ġarr ta' passiġġieri jew oġġetti dwar xi faċilitajiet bħal dawn;

"preskritt" tfisser preskritt taħt dan l-Att;

"uffiċjal pubbliku" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni;

"rati" tfisser ir-rati li jistgħu jinġabru taħt l-artikolu 39 ta' dan l-Att;

"vapur" tfisser kull deskrizzjoni ta' bastiment użat fin-navigazzjoni, sew jekk imexxi lilu nnifsu sew jekk le, u tinkludi braken, *oil rigs*, pontuni, ajruplani tal-baħar, u kull inġenji oħra u bastimenti simili;

"ibħra territorjali" tfisser il-partijiet kollha tal-baħar miftuħ sa tnax-il mil nawtiku 'l barra mill-kosta ta' Malta, jew dik id-distanza l-oħra li tista' tkun stabbilita taħt l-artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa, mkejla kif provdut f'dak l-Att, u tinkludi l-ibħra magħluqin bejn il-linji bażi hemm imsemmija u l-kosta; Kap. 226

"vettura" tfisser kull vettura barra vapur;

"maħżen" tfisser kull tinda, bini, post, vagun, vapur jew vettura meta wżati mill-Awtorità jew minn kuntrattur għall-fini ta' ħażna jew depożitu għall-finijiet ta' dan l-Att;

"*yacht*" tfisser bastiment reġistrat li jbaħħar użat biss għad-divertiment u hekk aċċettat mill-Awtorità;

"ċentru tal-*yachting*" tfisser dak il-post li jkun dikjarat bħala ċentru tal-*yachting* bl-artikolu 27 ta' dan l-Att jew taħtu.

TAQSIMA I

Kostituzzjoni, Għamla u Funzjonijiet ta' l-Awtorità

Kostituzzjoni ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta.

3. (1) B'dan qed jitwaqqaf korp, li jkun magħruf bħala "l-Awtorità Marittima ta' Malta".

(2) L-Awtorità tkun korp magħqud li jkollha personalità ġuridika distinta u li tkun tista', suġġetta biss għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, li tħarrek jew li tkun imħarrka, tagħmel kull kuntratt, takkwista, iżżomm jew tiddisponi minn kull proprjetà, mobbli jew immobbli, u b'kull titolu jkun li jkun, u li tagħmel kull ħaġ'oħra hi x'inhi.

Għamla ta' l-Awtorità.

4. (1) L-Awtorità tkun magħmula minn mhux inqas minn seba' u mhux iktar minn ħdax-il membru, li minnhom wieħed ikun iċ-*Chairman* u ieħor ikun Viċi *Chairman* ta' l-Awtorità.

(2) Iċ-*Chairman*, il-Viċi *Chairman* u l-membri l-oħra ta' l-Awtorità jinħatru mill-Ministru:

Iżda d-Diretturi Eżekuttivi jkunu membri *ex officio* ta' l-Awtorità.

(3) Fin-nuqqas taċ-*Chairman*, jew jekk dan ma jkunx jista' jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, il-Viċi *Chairman* għandu jaqdi dawk il-funzjonijiet.

(4) Il-membri ta' l-Awtorità, barra mill-membri *ex officio*, għandhom iżommu l-kariga għal dak iż-żmien u b'dawk il-pattijiet u l-kundizzjonijiet li l-Ministru jidhirlu xieraq; u meta membru jispiċċa dan jista' jerġa' jinħatar membru:

Iżda l-Ministru jista', f'kull żmien, itemm il-ħatra ta' xi membru, jekk, fil-fehma tiegħu, dak il-membru ma jkunx tajjeb biex ikompli fil-kariga jew ma jkunx baqa' kapaċi li jaqdi sewwa l-funzjonijiet tiegħu bħala membru ta' l-Awtorità.

(5) Persuna tkun skwalifikata milli tinħatar, jew li tibqa' membru, ta' l-Awtorità jekk —

(a) issir membru tal-Kamra tad-Deputati; jew

(b) ikollha nteress finanzjarju jew interess ieħor f'xi mpriża jew attività li x'aktarx jeffettwa l-qadi tal-funzjonijiet tagħha bħala membru ta' l-Awtorità:

Iżda l-iskwalifika ta' persuna taħt dan il-paragrafu tista' titneħħa mill-Ministru jekk l-interess ikun dikjarat u d-dikjarazzjoni tkun pubblikata fil-Gazzetta.

(6) Kull membru ta' l-Awtorità, barra minn membru *ex officio*, jista' jirriżenja mill-kariga tiegħu b'ittra ndirizzata lill-Ministru.

(7) Il-ħatra ta' kull persuna bħala membru ta' l-Awtorità u t-tmiem ta' dik il-kariga jew ir-riżenja ta' dik il-persuna tkun avżata fil-Gazzetta.

Rappreżentanza legali u ġuridika ta' l-Awtorità.

5. Ir-rappreżentanza legali u ġuridika ta' l-Awtorità tkun vestita fiċ-*Chairman*:

Iżda l-Awtorità tista' taħtar wieħed jew iktar mill-membri tagħha, jew wieħed jew iktar mill-uffiċjali jew impjegati tagħha, biex jidhru f'isimha jew għaliha f'kull proċediment ġudizzjarju u fuq kull att, kuntratt, strument jew dokument ieħor ikun li jkun:

Iżda wkoll dwar kull ħaġa li taqa' taħt il-funzjonijiet delegati lil Direttur Eżekuttiv, ir-rappreżentanza legali u ġuridika ta' l-Awtorità tkun ukoll vestita f'dak id-Direttur jew f'dak il-membru, uffiċjal jew impjegat ieħor ta' l-Awtorità, kif l-Awtorità tista' taħtar jew tawtorizza għal hekk.

Funzjonijiet ta' l-Awtorità.

6. (1) Tkun il-funzjoni ta' l-Awtorità:

(a) li tipprovdi, żżomm u tħaddem portijiet f'Malta, u li tipprovdi, żżomm u tħaddem fihom u fil-qarba tagħhom servizzi u faċilitajiet xierqa u effiċjenti li minn żmien għal żmien jidhrilha meħtieġa jew vantaġġużi biex jaħdmu tajjeb, bla periklu u b'mod effiċjenti dawk il-portijiet jew kif l-Awtorità jidhrilha xort'oħra xieraq biex tipprovdi fl-interess pubbliku;

(b) bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' xi liġi oħra biex teżerċita kontroll sħiħ dwar il-bon-ordni fl-ibħra territorjali u interni ta' Malta, f'kull port, u fl-art u fil-baħar li jkun qarba ta' kull port, u fuq il-mollijiet;

(ċ) li teżerċita kontroll fuq ix-xogħol kollu tal-port inkluż il-provdiment ta' ħaddiema tal-port għal xogħol tal-port;

(d) li tirregola u tikkontrolla l-ħwejjeġ kollha li għandhom x'jaqsmu ma' bastimenti merkantili jew li hemm provdut għalihom taħt l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili jew taħt xi leġislazzjoni oħra li għandha x'taqsam; Kap. 234

(e) bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1991 biex Iħares l-Ambjent, li tħares u tikkontrolla tingiż biż-żejt jew xi sustanza oħra ta' kull port jew qarba tiegħu; Att V ta' l-1991.

(f) li tippromovi l-faċilitajiet marittimi f'Malta; u

(ġ) li tagħti pariri lill-Gvern fuq kull ħaġa li għandha x'taqsam ma' portijiet, bastimenti merkantili, tħaris u kontroll ta' tniġġiż tal-baħar u fuq kull ħaġa li għandha x'taqsam mal-funzjonijiet jew dmirijiet tagħha.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, ikun iddmir ta' l-Awtorità —

(a) li tirregola u tikkontrolla navigazzjoni fil-limiti ta' kull port u fil-qarba tiegħu;

(b) li tipprovdi jew tiżgura l-provdiment ta' servizzi ta' pilutaġġ u rmiġġ lil bastimenti;

(ċ) li tipprovdi jew tiżgura l-provdiment ta' servizzi xierqa għat-tifi tan-nar fil-portijiet;

(d) li tipprovdi u żżomm b'mod xieraq u effiċjenti, fanali, antenni u dwal oħra, bagi u għajnuniet u servizzi oħra ta' navigazzjoni f'dawk il-postijiet, inklużi l-ibħra territorjali ta' Malta, kif l-Awtorità jidhrilha xieraq;

Att IX ta' l-1989.

(e) bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1989 dwar l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku li tipprovdi jew tiżgura l-provdiment ta' servizzi għat-trasport ta' passiġġieri u oġġetti, magħduda vetturi, fil-portijiet u fl-ibħra territorjali ta' Malta;

(f) li tipprovdi jew tiżgura l-provdiment ta' ħaddiema talport għal xogħol tal-port partikolari jew għal prinċipali partikolari;

(ġ) li tipprovdi u tuża jew tiżgura l-provdiment u l-użu ta' bastimenti, vetturi u mezzi oħra għas-salvataġġ jew tħaris ta' ħajja u proprjetà;

(h) li tipprovdi jew tiżgura l-provdiment ta' *fuel* u ħtiġiet oħra lil bastimenti;

(i) li tippromovi, tiżviluppa, ttejjeb u tibdel kull port u kull faċilità li jkollu, magħduda t-tindif, l-iżbarazzar u t-tfondija ta' kull port jew qarba tiegħu;

(j) li tippromovi u tavvanza l-ħila ta' baħħara u ta' persuni mpjegati fil-portijiet u fl-industrija marittima u l-effiċjenza ta' tagħmir użat fihom;

(k) bla ħsara għal dak li ntqal hawn fuq, li tipprovdi jew tiżgura l-provdiment ta' dawk is-servizzi u l-faċilitajiet l-oħra li fil-fehma ta' l-Awtorità jkunu meħtieġa għat-tħaddim ta' portijiet;

(l) li tirregola u tamministra l-ħwejjeġ kollha u li tipprovdi s-servizzi kollha maħsuba fl-Att dwar il-Bastimenti Merkantili jew f'xi leġislazzjoni oħra li għandha x'taqsam;

(m) li tirregola, tikkontrolla, tiżviluppa u tippromovi ċentri tal-*yachting;*

(n) li taqdi kull dmir mogħti lilha b'dan l-Att jew b'xi liġi oħra.

Setgħat ta' l-Awtorità.

7. (1) Bla ħsara għall-ġeneralità tad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att, iżda suġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, l-Awtorità jkollha s-setgħa —

(a) li tipprojbixxi, tikkontrolla u xort'oħra tirregola —

(i) l-użu minn xi persuna ta' xi port jew xi faċilità ta' port;

(ii) il-preżenza ta' xi persuna, bastiment, vettura jew oġġetti f'xi port;

(b) li tgħabbi jew tħott xi bastiment f'kull port;

(ċ) li tagħmel dak ix-xogħol u attivitajiet oħra, li tagħmel dawk il-ħwejjeġ kollha u li tagħmel dawk it-transazzjonijiet kollha li fil-fehma ta' l-Awtorità jkunu meħtieġa, konvenjenti jew vantaġġużi biex hi tkun tista' tmexxi jew taqdi jew tagħmel, għall-qadi jew li għandu x'jaqsam mal-qadi tal-funzjonijiet tagħha, jew li fil-fehma ta' l-Awtorità huma inċidentali għal dan jew iwasslu għalih.

(2) L-Awtorità tista' ġġiegħel jew tawtorizza lil kull wieħed mill-uffiċjali jew impjegati tagħha biex jitla' abbord xi bastiment f'port jew barra port jew jekk hekk jidhrilha meħtieġ li tagħmel fil-qadi ta' xi funzjoni tagħha taħt dan l-Att jew taħt xi liġi oħra jew jekk jidhrilha li hemm raġunijiet xierqa li taħseb li jkun sar jew li jkun se jsir xi reat kontra dan l-Att, jew kontra xi liġi oħra, jew xi regolament, regola jew ordni magħmul bis-saħħa tagħhom.

(3) L-Awtorità tista' ġġiegħel jew tawtorizza lil kull wieħed mill-uffiċjali jew impjegati tagħha, flimkien ma' dawk il-ħaddiema li jkunu meħtieġa li —

(a) jidħlu f'kull art jew bini sabiex jibnu jew jieħdu ħsieb xi fanal jew lanterna jew xi għajnuna oħra ta' navigazzjoni għall-bastimenti, jew biex jeżaminaw, isewwu, jibdlu jew ineħħu xi wieħed minn dawk il-fanali, antenni jew għajnuniet oħra, u li jibqgħu hemm għal dak iż-żmien xieraq għal dak l-għan;

(b) li jibnu jew jieħdu ħsieb fanali jew għajnuniet oħra msemmija qabel fuq jew f'xi art, bini, xatt, moll, jew ix-xtajta jew qiegħ il-baħar u li jibdlu jew ineħħu kull fanal, antenna jew għajnuna oħra hemm imqegħda:

Iżda —

(i) l-Awtorità għandha, meta tkun tista', tagħti avviż lill-okkupant ta' kull art jew bini li fuqha jkun maħsub li se jsir dħul skond is-setgħat mogħtija b'dan is-subartikolu; u

(ii) l-Awtorità, fl-eżerċizzju ta' l-imsemmija setgħat għandha tagħmel l-inqas ħsara possibbli fiċ-ċirkostanzi u għandha tħallas kumpens għal kull ħsara li tkun saret u għall-ħolqien jew rekwiżizzjoni ta' xi jeddijiet fuq proprjetà.

(4) Bla ħsara għal kull regolament magħmul taħt dan l-Att, l-Awtorità jkollha wkoll is-setgħa —

(a) li tordna fejn xi bastiment għandu jsorġi, jirmiġġa jew jankra f'xi port u l-mod kif jankra fil-port;

(b) li tneħħi jew li tordna li bastiment jitneħħa minn xi rmiġġ, stazzjon jew ankraġġ għal port ieħor, u l-ħin li fih għandu jitneħħa dak il-bastiment;

(ċ) li tirregola l-moviment ta' bastimenti fil-portijiet u bejniethom, jew fil-qarba ta' port jew fl-ibħra territorjali.

(5) Meta tkun saret xi ħsara lil xi xogħlijiet, impjant jew makkinarju f'xi port jew lil xi proprjetà oħra ta' l-Awtorità minn bastiment jew minn xi persuna li tkun qed taħdem xogħol fuq jew dwar bastiment, l-Awtorità tista' żżomm lil dak il-bastiment u għandha ma' dan tgħarraf lill-kaptan, lis-sid jew lill-aġent ta' dak il-bastiment, jew lill-aġent jew rappreżentant ta' dak is-sid, biex fiż-żmien speċifikat fl-avviż, jipprovdi garanzija biżżejjed biex tagħmel tajjeb għall-ħlas tal-ħsarat li jkunu ħekk saru, u l-bastiment ma jinħelisx sakemm tingħata dik il-garanzija.

Diretturi Eżekuttivi u delega ta' funzjonijiet.

8. (1) L-Awtorità għandha taħtar mhux iktar minn erba' Diretturi Eżekuttivi, li minnhom wieħed ikun responsabbli għal bastimenti merkantili, ieħor għall-portijiet, u ieħor għal ċentri dwar *yachting*, u tiddelegalhom, suġġetti għas-sorveljanza u l-kontroll komplet tagħha, dawk mill-funzjonijiet tagħha li għandhom x'jaqsmu ma' ħwejjeġ li għalihom huma responsabbli, u dawk il-ħwejjeġ l-oħra li l-Awtorità jidhrilha xierqa, li bihom dawk id-Diretturi jkunu jistgħu jwettqu l-*policies* ta' l-Awtorità u biex xort'oħra jkunu jistgħu b'mod effettivi u effiċjenti jaqdu l-funzjonijiet ta' l-Awtorità fl-oqsma rispettivi tagħhom ta' xogħol:

Iżda l-ewwel Diretturi Eżekuttivi jinħatru mill-Ministru.

(2) Kull wieħed mid-Diretturi Eżekuttivi jkun uffiċjal pubbliku dettaljat għal dmirijiet ma' l-Awtorità jew impjegat permanenti ta' l-Awtorità, f'kull każ li jkollu tagħrif biżżejjed dwar bastimenti merkantili jew fit-tħaddim ta' portijiet jew f'ċentri dwar *yachting*, skond il-każ.

(3) Il-funzjonijiet kollha delegati taħt dan l-artikolu għandhom jiġu pubblikati fil-Gazzetta. L-Awtorità u kull wieħed mid-Diretturi Eżekuttivi jistgħu jeżerċitaw waħda jew iżjed mill-funzjonijiet, direttament jew bil-mezz ta' kull uffiċjal jew impjegat ta' l-Awtorità li jkun awtorizzat għal hekk, jew bil-mezz ta' kuntrattur jew persuna oħra li magħha jkun sar ftehim għall-qadi ta' waħda jew iżjed minn dawk il-funzjonijiet.

(4) Meta f'dan l-Att xi ħaġa għandha ssir minn jew kontra jew dwar l-Awtorità, jew xi avviż għandu jew jista' jingħata mill-Awtorità, kull ħaġa jew avviż bħal dawk jistgħu wkoll isiru minn jew kontra jew dwar jew jingħataw lid-Direttur Eżekuttiv li l-ħaġa tkun taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu minħabba delega ta' funzjonijiet lil dak id-Direttur; u għall-finijiet imsemmija kull referenza f'dan l-Att għall-Awtorità tinkludi riferenza għad-Direttur Eżekuttiv li jkun.

Proċeduri ta' l-Awtorità.

9. (1) Il-laqgħat ta' l-Awtorità jissejħu miċ-*Chairman* fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba ta' tnejn mill-membri l-oħra.

(2) Nofs in-numru ta' membri li għaż-żmien jikkostitwixxi l-Awtorità jagħmel *quorum*. Id-deċiżjonijiet jittieħdu f'laqgħa li għaliha *quorum* ikun preżenti b'maġġoranza tal-membri li jkunu preżenti u li jivvotaw. Iċ-*Chairman*, jew il-persuna l-oħra li tkun qed tippresjedi l-laqgħa, jkollhom vot oriġinali u, fil-każ ta' voti ndaqs, vot konklużiv.

(3) Kull membru li jkollu nteress dirett jew indirett f'xi kuntratt magħmul jew propost li jsir mill-Awtorità, li ma jkunx interess li jiskwalifika lil dak il-membru milli jibqa' membru, għandu jikxef ix-xorta ta' l-interess tiegħu fl-ewwel laqgħa ta' l-Awtorità wara li jkun sar jaf bil-fatti rilevanti. Dak il-kxif għandu jkun reġistrat fil-minuti tal-laqgħa, u dak il-membru għandu jirtira minn kull laqgħa waqt li dak il-kuntratt ikun qed jiġi diskuss jew deċiż mill-Awtorità.

(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u għall-proċeduri li jistgħu jiġu preskritti, l-Awtorità tista' tirregola l-proċeduri tagħha stess.

(5) Kull għemil magħmul minn xi persuna li taġixxi in *bona fede* bħala membru ta' l-Awtorità jkun validu daqslikieku kienet membru minkejja xi difett li wara jinkixef fil-ħatra jew fil-kwalifiki tagħha.

(6) Kull dokument li juri li hu att magħmul jew maħruġ mill-Awtorità u li jkun iffirmat miċ-*Chairman* f'isimha jittieħed bħala prova u għandu, sakemm ma jkunx ippruvat kuntrarju, jitqies li hu att magħmul jew maħruġ mill-Awtorità.

Relazzjonijiet bejn il-Ministru u l-Awtorità.

10. (1) Fil-qadi tal-funzjonijiet ta' l-Awtorità, l-Awtorità u d-Direttur Eżekuttivi għandhom —

(a) jagħtu effett, kemm jista' jkun malajr, lil kull direttiva li l-Ministru jista', wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità, jagħti lill-Awtorità taħt il-firma tiegħu dwar kull ħaġa li fil-fehma tiegħu

tolqot l-interess pubbliku fuq il-*policy* li għandha timxi fuqha l-Awtorità jew xi azzjoni li għandha tagħmel fil-qadi tal-funzjonijiet tagħha;

(b) jagħtu lill-Ministru faċilitajiet biex jikseb tagħrif dwar il-proprjetà u l-ħidma ta' l-Awtorità u jagħtuh dawk il-prospetti, kontijiet u tagħrif ieħor dwar dan u jagħtuh faċilitajiet biex jivverifika kull tagħrif mogħti, b'dak il-mod u f'dawk iż-żminijiet li l-Ministru b'mod xieraq jeħtieġ.

(2) Jekk l-Awtorità tonqos li tħares xi direttiva maħruġa taħt dan l-artikolu, l-Prim Ministru jista' jagħmel ordni li jittrasferixxi lill-Ministru, għal kollox jew f'parti, kull waħda mill-funzjonijiet ta' l-Awtorità.

Eżenzjoni.

11. L-Awtorità tkun eżentata minn kull responsabbiltà għall-ħlas ta' taxxa jew taxxa fuq l-*income* jew xi dazju ta' importazzjoni jew taxxa fuq dokumenti skond xi liġi li f'dak iż-żmien tkun issehħ f'Malta.

Kumitat Konsultattiv ta' min juża l-Portijiet.

12. (1) Għandu jkun hemm Kumitat Konsultattiv ta' min juża l-Portijiet biex jagħti pariri u jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Ministru u lill-Awtorità fuq titjib tas-servizzi, faċilitajiet u xogħlijiet fil-portijiet.

(2) Il-Kumitat ikun magħmul minn *chairman* u min dak in-numru ta' membri fost il-korpi u l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lil min juża l-portijiet, kif il-Ministru jista' jaħtar minn żmien għal żmien.

(3) F'kull laqgħa tal-Kumitat iċ-*Chairman* u nofs in-numru tal-membri li jiffurmaw il-Kumitat jagħmlu *quorum*.

(4) Il-Kumitat għandu jiltaqa' għall-anqas tliet darbiet fis-sena f'dak il-ħin u f'dak il-post stabbilit miċ-*Chairman*.

(5) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-Kumitat jista' jirregola l-proċedura tiegħu stess.

TAQSIMA II

Dispożizzjonijiet Finanzjarji

L-Awtorità tħallas l-infieq mid-dħul.

13. (1) L-Awtorità tingħata kapital inizjali ta' tliet mija u ħamsin elf lira, li jitħallas mill-Gvern mill-Fond Konsolidat, bla ħtieġa ta' approprjazzjoni oħra ħlief dan l-Att, b'ordni maħruġ taħt il-firma tal-Ministru tal-Finanzi li jawtorizza lill-*Accountant General* jagħmel dak il-ħlas.

(2) L-Awtorità għandha wkoll titħallas mill-Gvern mill-Fond Konsolidat dawk is-somom li l-Parlament jista' minn żmien għal żmien jawtorizza li jkun approprjati u mħallsa minn dak il-Fond sabiex jitħallsu xogħlijiet speċifiċi li għandhom jitkomplew, jitlestew jew xort'oħra jsiru mill-Awtorità, li jkunu xogħlijiet ta' infrastruttura jew ta' xorta kapitali simili.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, l-Awtorità għandha tmexxi l-affarijiet tagħha b'dak il-mod li l-infieq meħtieġ għall-qadi xieraq tal-funzjonijiet tagħha, kemm jista' jkun, jitħallas mid-dħul tagħha.

(4) L-Awtorità għandha tiġbor kull dritt u taxxa tal-port u kull pagament, rata u ħlas ieħor preskritt jew meqjus li huwa preskritt b'dan jew taħt dan l-Att jew l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili jew xi liġi oħra li għandha x'taqsam mas-setgħat u l-funzjonijiet ta' l-Awtorità.

(5) Kull dħul li jkun iktar mill-infieq għandu, skond dawk id-direttivi li l-Ministru, wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, jista' jagħti minn żmien għal żmien, ikun użat mill-Awtorità biex tibni fondi ta' riżervi biex jintużaw għall-finijiet ta' l-Awtorità; u bla ħsara għall-ġeneralità tas-setgħat mogħtija lill-Ministru b'dan is-subartikolu, kull direttiva mogħtija mill-Ministru kif intqal qabel tista' tordna t-trasferiment lill-Gvern, jew l-użu b'dak il-mod kif jista' jiġi speċifikat fid-direttiva, ta' kull parti minn dak id-dħul żejjed.

(6) Kull fond ta' l-Awtorità li ma jkunx immedjatament meħtieġ biex jitħallas l-infieq jista' jkun investit b'dak il-mod li minn żmien għal żmien ikun approvat mill-Ministru.

Setgħa għal self ta' kapital.

14. (1) L-Awtorità tista', bl-approvazzjoni bil-miktub tal-Ministru mogħtija wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, tissellef jew tiġbor flus, b'dak il-mod, mingħand dik il-persuna, korp jew awtorità, taħt dawk il-pattijiet u l-kundizzjonijiet u b'dik il-garanzija li tista' tqis xieraq, għal xi wieħed jew iktar mill-għanijiet li ġejjin:—

(a) il-provdiment ta' kapital biex taħdem;

(b) it-twettiq tal-funzjonijiet ta' l-Awtorità taħt dan l-Att;

(ċ) il-provdiment ta' kapital għall-espansjoni ta', jew żieda ma', l-attiv fiss ta' l-Awtorità;

(d) il-fidwa ta' kull obbligazzjonijiet, *stock* ta' obbligazzjonijiet jew sigurtajiet oħra li l-Awtorità tista' teħtieġ jew tkun meħtieġa li tifdi;

(e) kull infieq ieħor li jista' jiġi addebitat lil kont kapitali.

(2) L-Awtorità tista' wkoll, minn żmien għal żmien, tissellef permezz ta' *overdraft* jew b'mod ieħor, dawk is-somom li tkun teħtieġ biex taqdi l-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att:

Iżda tkun meħtieġa l-approvazzjoni bil-miktub tal-Ministru għal kull ammont li jeċċedi ħamsin elf lira.

Self mingħand il-Gvern.

15. (1) Meta jkun meħtieġ li l-Awtorità tieħu b'self mingħand il-Gvern xi ammonti li jkollha bżonn biex twettaq il-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att, il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', wara li jikkonsulta mal-Ministru, b'ordni taħt il-firma tiegħu u bla ħtieġa ta' ebda approprjazzjoni oħra ħlief dan l-Att, jawtorizza lill-*Accountant General* li jsellef lill-Awtorità mid-dħul ta' xi self miftiehem jew magħmul għal dak il-għan jew mill-Fond Konsolidat; u dak is-self għandu jsir taħt dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jordna.

(2) Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', għal kull ħtieġa ta' l-Awtorità ta' natura kapitali, jissellef flus, jew jidħol f'obbligi, għal dak iż-żmien u taħt dawk il-pattijiet u l-kundizzjonijiet li jidhirlu xierqa, u kull ammont dovut dwar jew in konnessjoni ma' kull self jew obbligu bħal dan ikun piż fuq il-Fond Konsolidat.

(3) Avviż dwar self jew obbligi li jkunu magħmula taħt id-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu għandu jingħata lill-Kamra tad-Deputati kemm jista' jkun malajr.

(4) Sakemm jingħabar xi self hekk kif imsemmi fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, jew sabiex l-Awtorità tkun provduta b'kapital biex taħdem, il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', b'ordni maħruġ taħt il-firma tiegħu, u bla ħtieġa ta' approprjazzjoni oħra ħlief dan l-Att, jawtorizza lill-*Accountant General* li jagħmel self lill-Awtorità mill-Fond ta' Ħelsien tat-Teżor b'dawk il-pattijiet li l-Ministru jista' jispeċifika meta jagħmel l-ordni.

(5) Id-dħul minn kull self miġbur għall-finijiet ta' avvanzi lill-Awtorità, u kull flejjes oħra li jkunu avvanzati lill-Awtorità taħt dan l-artikolu, għandhom jitħallsu f'fond li jkun stabbilit b'mod speċjali għal dan il-għan u li jkun magħruf bħala "il-Fond ta' Self ta' l-Awtorità Marittima".

(6) Somom riċevuti mill-*Accountant General* mingħand l-Awtorità dwar avvanzi magħmula mill-Awtorità taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandhom jitħallsu fil-"Fond ta' Self ta' l-Awtorità Marittima".

(7) Somom riċevuti mill-*Accountant General* mingħand l-Awtorità dwar avvanzi magħmula lill-Awtorità taħt is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu għandhom jitħallsu dwar ammonti riċevuti bħala ħlas lura ta' kapital fil-Fond ta' Ħelsien tat-Teżor u, dwar ammonti riċevuti bħala mgħax, fil-Fond Konsolidat.

Kuntratti għall-provvista jew xogħlijiet.

16. Ħlief bl-approvazzjoni tal-Ministru mogħtija għal raġunijiet speċjali, l-Awtorità ma' tista' tagħmel ebda kuntratt għall-provvista ta' oġġetti jew materjali jew sabiex isir xi xogħol jew biex jingħataw xi servizzi lil jew għall-benefiċċju ta' l-Awtorità, li skond l-Awtorità jkun stmat li jilħaq spiża ta' aktar minn għaxart elef lira, ħlief wara li avviż li l-Awtorità tkun bi ħsiebha tagħmel ikun ġie pubblikat u jkunu ħarġu offerti b'kompetizzjoni.

Estimi ta' l-Awtorità.

17. (1) Kull sena finanzjarja l-Awtorità għandha tieħu ħsieb tħejji, u għandha mhux iktar tard minn erba' ġimgħat wara t-tmiem ta' dik is-sena tadotta, estimi ta' dħul u nfieq ta' l-Awtorità għas-sena finanzjarja li tiġi wara, fejn tagħżel, b'mod partikolari, bejn bastimenti merkantili, portijiet u ċentri tal-*yachting*.

(2) L-estimi għandhom isiru f'dik il-forma u għandu jkun fihom dak it-tagħrif u dawk il-paraguni ma' estimi ta' qabel kif il-Ministru jista' jordna.

(3) Kopja ta' l-estimi għandha, malli dawn ikunu adottati mill-Awtorità, tintbagħat minnufih lill-Ministru.

(4) Il-Ministru għandu, ma' l-ewwel opportunità u mhux iktar tard minn erba' ġimgħat wara li jkun irċieva kopja ta' l-estimi ta' l-Awtorità, jew, jekk f'dak iż-żmien il-Kamra tad-Deputati ma tkunx qed tiltaqa', fi żmien erba' ġimgħat mill-bidu tas-sessjoni li tiġi minnufih wara, jieħu ħsieb li dawk l-estimi jitqiegħdu quddiem il-Kamra, flimkien ma' mozzjoni li l-Kamra tapprova l-imsemmija estimi. Għandha tingħata seduta waħda biex il-Kamra tiddiskuti dik il-mozzjoni; u kemm dik il-mozzjoni kif ukoll l-approvazzjoni ta' l-estimi mill-Kamra jistgħu jkunu b'emendi għall-estimi jew mingħajr emendi.

(5) Ma jista' jsir ebda nfieq mill-Awtorità jekk dan ma jkunx approvat mill-Kamra tad-Deputati:

Iżda —

(a) sakemm jgħaddu sitt xhur mill-bidu ta' sena finanzjarja, jew sakemm il-Ministru japprova l-estimi għal dik is-sena, skond liema tkun l-ewwel data, l-Awtorità tista' tagħmel infieq biex taqdi l-funzjonijiet tagħha skond dan l-Att ta' mhux iktar b'kollox minn nofs l-ammont approvat għas-sena finanzjarja ta' qabel;

(b) infieq approvat dwar kap jew sotto-kap ta' l-estimi jista', bl-approvazzjoni tal-Ministru, jsir dwar kap jew sotto-kap ieħor ta' l-estimi;

(ċ) jekk dwar sena finanzjarja jinstab li l-ammont approvat mill-Kamra ma jkunx biżżejjed, jew tinqala' l-ħtieġa għal infieq li ma jkunx provdut għaliha fl-estimi, l-Awtorità tista' tadotta estimi supplimentari għall-approvazzjoni tal-Kamra u, sakemm dawn ikunu approvati, bil-kundizzjoni li din tingħata, l-Awtorità tista' f'ċirkostanzi speċjali u bl-approvazzjoni tal-Ministru, tagħmel l-

infieq relattiv; u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att li japplikaw għall-estimi għandhom, safejn ikunu prattikabbli, japplikaw għall-estimi supplimentari:

Iżda wkoll dwar l-ewwel sena finanzjarja ta' l-Awtorità dan l-artikolu għandu japplika daqskieku kien jeħtieġ lill-Awtorità li tadotta estimi għal dik is-sena mhux aktar tard minn għoxrin ġimgħa wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu u daqslikieku l-infieq totali li jista' jsir mill-Awtorità sakemm ikunu approvati l-estimi għal dik is-sena mill-Kamra ma jkunx iżjed minn nofs l-ammont muri f'dawk l-estimi.

(6) L-estimi u l-estimi supplimentari kollha approvati mill-Kamra tad-Deputati għandhom, kemm jista' jkunu malajr, ikunu pubblikati fil-Gazzetta.

Kontijiet u verifika.

18. (1) L-Awtorità għandha tieħu ħsieb li jinżammu kotba ta' kontijiet xierqa u *records* oħra dwar ix-xogħol tagħha u għandha tieħu ħsieb li tħejji prospett ta' kontijiet dwar kull sena finanzjarja.

(2) Il-kontijiet ta' l-Awtorità għandhom ikunu verifikati minn awditur jew awdituri maħtura minnha u approvati mill-Ministru:

Iżda l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jeħtieġ li l-kotba u r-*records* l-oħra ta' l-Awtorità jkunu verifikati jew eżaminati mid-Direttur tal-Verifika li għal dan il-għan ikollu s-setgħa li jagħmel kull verifika fiżika u l-verifika l-oħra, u jista' jeħtieġ dak it-tagħrif, li jidhirlu meħtieġ.

(3) Wara li tispiċċa kull sena finanzjarja, fl-istess ħin li kopja ta' l-estimi ta' l-Awtorità tintbagħat lill-Ministru skond l-artikolu 17 ta' dan l-Att, l-Awtorità għandha tieħu ħsieb li kopja tal-prospett tal-kontijiet verifikat kif imiss tintbagħat lill-Ministru flimkien ma' kopja tar-rapport magħmul mill-awditur jew mill-awdituri fuq dak il-prospett jew il-kontijiet ta' l-Awtorità.

(4) Il-Ministru għandu jieħu ħsieb li kopja ta' kull prospett u rapport bħal dawk jitqiegħdu quddiem il-Kamra tad-Deputati flimkien mal-mozzjoni mqiegħda quddiem il-Kamra skond l-imsemmi artikolu 17.

Depożiti ta' flus u ħlasijiet.

19. (1) Il-flus kollha ta' l-Awtorità għandhom jitqiegħdu f'bank jew f'banek maħtura minnha bl-approvazzjoni tal-Ministru. Dawk il-flus għandhom, kemm jista' jkun, jitqiegħu fil-bank minn jum għal ieħor, ħlief għal dik is-somma li tkun meħtieġa li tinżamm biex jitħallsu nfieq żgħir u ħlasijiet immedjati.

(2) Il-ħlasijiet kollha mill-fondi ta' l-Awtorità, barra minn nfieq żgħir sa somma stabbilita mill-Awtorità, għandhom isiru minn dak l-uffiċjal jew dawk l-uffiċjali ta' l-Awtorità li dan tista' taħtar jew tqabbad għal dan il-għan.

(3) Ċekkijiet miġbuda jew żbanek magħmula minn kull kont tal-bank ta' l-Awtorità għandhom ikunu iffirmati minn dak l-uffiċjal ta' l-Awtorità li din tista' tqabbad għal hekk u għandhom ikunu kontrofirmati miċ-*Chairman* jew minn dak il-membru jew uffiċjal ieħor ta' l-Awtorità kif ikun awtorizzat mill-Awtorità.

(4) L-Awtorità għandha tipprovdi wkoll għal —

(a) il-mod li bih ħlasijiet għandhom ikunu approvati u l-uffiċjali li għandhom japprovawhom;

(b) l-isem ta' kull kont fil-bank jew fil-banek li fihom jitħallsu l-flus ta' l-Awtorità, u t-trasferiment ta' fondi minn kont għal ieħor;

(ċ) il-mod li jkun użat biex isiru ħlasijiet mill-fondi ta' l-Awtorità;

(d) b'mod ġenerali l-ħwejjeġ kollha meħtieġa biex jinżammu u jkunu kontrollati kif jixraq il-kontijiet, il-kotba u r-*records* l-oħra u l-kontroll tal-finanzi ta' l-Awtorità.

Rapport annwali.

20. (1) L-Awtorità għandha, mhux iktar tard minn sitt ġimgħat wara li tintemm kull sena finanzjarja, tagħmel u tibgħat lill-Ministru u lill-Ministru responsabbli għall-finanzi, rapport dwar l-attivitajiet tagħha matul dik is-sena, fejn tiddistingwi, b'mod partikolari, bejn bastimenti merkantili, portijiet u ċentri ta' *yachting*, u li jkun fih dak it-tagħrif dwar il-proċeduri ta' l-Awtorità li l-Ministru minn żmien għal ieħor jeħtieġ, magħduda kull direttivi mogħtija mill-Ministru.

(2) Il-Ministru għandu jieħu ħsieb li kopja ta' kull rapport bħal dak titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati kemm jista' jkun malajr.

TAQSIMA III

Trasferiment ta' Ċertu Attiv lill-Awtorità

Trasferiment ta' attiv lill-Awtorità.

21. (1) Il-proprjetà u l-impriżi li kienu proprjetà tal-Gvern u li kienu wżati minnu għat-tħaddim ta' xi port minnufih qabel id-data tal-bidu fis-seħħ ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att għandhom, fl-imsemmija data, bis-saħħa ta' dan l-Att u mingħajr aktar assikurazzjoni, jiġu trasferiti lil u jkunu vestiti fl-Awtorità bl-istess titolu li bih kienu miżmuma mill-Gvern minnufih qabel l-imsemmija data.

(2) Dak it-trasferiment u l-vestiment għandhom jestendu għal dik il-proprjetà u dawk l-impriżi kollha u, bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, jinkludi kull impjant, tagħmir ta' maniġġ ta'

merkanzija, mekkaniku jew le, u tagħmir ieħor, l-apparat, l-istrumenti, il-vetturi, l-bastimenti, l-inġenji, ix-xtut, il-mollijiet, il-*piers*, il-bankini, il-bini, l-istrutturi, l-istallazzjonijiet, l-artijiet, ix-xogħlijiet, l-istokkijiet kollha u proprjetà oħra, mobbli jew immobbli, kull attiv, setgħa, jedd u privileġġ u kull ħaġa meħtieġa jew anċillari għalihom li tkun miżmuma jew posseduta dwarhom jew li għandha x'taqsam magħhom, kif ukoll l-obbligi kollha li jolqtu jew li għandhom x'jaqsmu ma' kull waħda mill-imsemmija proprjetà jew impriżi jew kull ħaġa nkluża fihom kif intqal qabel:

Iżda, dwar xtut, mollijiet, *piers* u bankini, l-imsemmija trasferiment u vestiment ma jestendux għall-proprjetà tagħhom iżda jkunu limitati għall-użu, amministrazzjoni u tħaddim tagħhom, inkluż kull benefiċċju li jinkiseb minn dak l-użu, amministrazzjoni u tħaddim, b'mod li l-Awtorità tkun suġġett għall-obbligu li tieħu ħsieb u żżomm dik il-proprjetà kollha, f'kull żmien, f'ordni u kundizzjoni tajba, u għall-finijiet ta' l-artikoli 22 u 23 ta' dan l-Att dik il-proprjetà għandha titqies li hi nkluża fil-proprjetajiet trasferiti lill-Awtorità b'dan l-Att jew taħtu.

Ftehim ta' liġijiet, kuntratti eċċ., dwar attiv trasferit.

22. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, kull liġi, regola, regolament, ordni, sentenza, digriet, deċiżjoni, rabta', kuntratt, ftehim, att, dokument, mandat u arranġament ieħor, eżistenti minnufih qabel id-data tal-bidu fis-seħħ ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att li jolqtu jew għandhom x'jaqsmu ma' proprjetà jew impriża trasferita lill-Awtorità b'dan l-Att jew taħtu għandhom iseħħu u jkollhom effett shiħ kontra jew favur l-Awtorità, u jistgħu jitwettqu għal kollox u b'effett shiħ, bħalliekieku minflok il-Gvern jew awtorità tal-gvern, l-Awtorità kienet imsemmija fihom jew kienet parti fihom, u xort'oħra b'sostituzzjoni tal-Gvern jew l-awtorità tal-gvern.

Dispożizzjonijiet tranżitorji.

23. (1) Meta xi ħaġa tkun inbdiet bis-saħħa jew taħt l-awtorità tal-Gvern qabel id-data tal-bidu fis-seħħ ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att u dik il-ħaġa tkun dwar xi proprjetà jew impriża jew xi dritt jew responsabbiltà trasferita lill-Awtorità b'dan l-Att jew taħtu, dik il-ħaġa tista' titkompla u tiġi mitmuma mill-Awtorità jew kif awtorizzat minnha.

(2) Meta minnufih qabel il-bidu fis-seħħ ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att, jkunu pendenti xi proċedimenti legali li fihom il-Gvern ikun jew ikollu jedd li jkunu parti, u dawk il-proċedimenti jkunu dwar xi proprjetà jew impriża, jew xi dritt jew responsabbiltà trasferita b'dan l-Att jew taħtu, l-Awtorità għandha, mid-data msemmija, tiġi sostitwita f'dawk il-proċedimenti minflok il-Gvern, jew għandha tkun parti fihom bl-istess mod kif seta' kien il-Gvern, u dawk il-proċedimenti m'għandhomx jintemmu minħabba s-sostituzzjoni.

(3) Il-Ministru jista' b'ordni jagħmel dawk id-dispożizzjonijiet inċidentali, konsegwenzjali u supplimentari li jidhru meħtieġa jew spedjenti sabiex jistabbilixxi, kif xieraq, l-attiv trasferit lill-Awtorità b'dan l-Att u sabiex jiżgura u jagħti effett shiħ għat-trasferiment ta' kull proprjetà jew impriża, jew kull dritt jew responsabbiltà ta' l-Awtorità skond dan l-Att u jista' jagħmel dawk l-

ordnijiet li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex xi setgħat u dmirijiet eżerċitati mill-Gvern dwar xi proprjetà jew impriża trasferita jsiru eżerċitabbli minn jew f'isem l-Awtorità.

TAQSIMA IV

Uffiċjali u Impjegati ta' l-Awtorità

Ħatra ta' uffiċjali u mpjegati ta' l-Awtorità.

24.(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, l-Awtorità għandha minn żmien għal żmien taħtar u timpjega dawk l-uffiċjali u mpjegati, b'dik ir-rimunerazzjoni u taħt dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa, għall-qadi xieraq u effiċjenti tal-funzjonijiet tagħha.

(2) Il-membri ta' l-Awtorità, id-Diretturi Eżekuttivi u l-membri tal-Kumitat Konsultattiv ta' Min Juża' l-Portijiet u uffiċjali u impjegati oħra kollha ta' l-Awtorità għandhom, għall-finijiet tal-Kodiċi Kriminali u ta' kull liġi jew dispożizzjoni ta' liġi oħra ta' xorta penali, jitqiesu li huma uffiċjali pubbliċi, iżda mhux xort'oħra.

Kap. 9.

Allokazzjoni ta' uffiċjali pubbliċi għal xogħol ma' l-Awtorità.

25. (1) Il-Prim Ministru jista', fuq talba ta' l-Awtorità, minn żmien għal ieħor jordna li xi uffiċjal pubbliku jkun allokat għal xogħol ma' l-Awtorità f'dik il-kariga u b'effett minn dik id-data li tista' tiġi speċifikata fl-ordni.

(2) Il-perijodu li matulu ordni kif intqal qabel għandu japplika għal kull uffiċjal speċifikat fih, kemm-il darba l-uffiċjal ma jirtirax mis-servizz pubbliku, jew xort'oħra ma jtemmx qabel milli jżomm kariga, jew kemm-il darba ma tkunx speċifikata fl-ordni data differenti, għandu jtemm malli sseħħ xi waħda mill-ġrajjiet li ġejjin, jiġifieri —

(a) l-aċċettazzjoni minn dak l-uffiċjal ta' offerta ta' trasferiment għas-servizz ta', u mpieg permanenti ma', l-Awtorità li ssir skond l-artikolu 26 ta' dan l-Att; jew

(b) ir-revoka mill-Prim Ministru ta' xi ordni magħmul minnu taħt dan l-artikolu dwar dak l-uffiċjal.

(3) Meta ordni dwar xi uffiċċjal kif intqal qabel ikun revokat mill-Prim Ministru, il-Prim Ministru jista', b'ordni ieħor, jalloka lil dak l-uffiċjal jagħmel xogħol ma' l-Awtorità, f'dik il-kariga u b'effett minn dik id-data li tista' tkun speċifikata fl-ordni l-ieħor, u d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu għandhom ma' dan japplikaw sakemm idum iseħħ l-ordni l-ieħor dwar dak l-uffiċjal.

(4) Meta uffiċjal pubbliku jkun allokat għal xogħol ma' l-Awtorità skond xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dak l-uffiċjal għandu, matul iż-żmien li fih l-ordni jkollu effett dwaru, ikun taħt l-awtorità amministrattiva u l-kontroll ta' l-Awtorità, iżda għandu għall-finijiet u effetti oħra jibqa', u jitqies u jiġi trattat bħala uffiċjal pubbliku.

(5) Bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, uffiċjal allokat għal xogħol kif ingħad qabel —

(a) m'għandux matul iż-żmien li dwaru jkun hekk allokat —

(i) ikun preklus milli japplika għal trasferiment għal Dipartiment tal-Gvern skond il-pattijiet u l-kundizzjonijiet ta' servizz annessi mal-ħatra tiegħu li kellu mal-Gvern fid-data li fiha jkun ġie allokat għal xogħol;

(ii) ikun hekk impjegat li r-rimunerazzjoni u l-kundizzjonijiet tas-servizz tiegħu jkunu anqas vantaġġuż minn dawk annessi mal-ħatra tiegħu li kellu mal-Gvern fid-data li fiha jkun ġie allokat għal xogħol kif intqal qabel jew li kienu jkunu annessi ma' dik il-ħatra, matul dak il-perijodu, kieku dak l-uffiċjal ma kienx allokat għal xogħol ma' l-Awtorità; u

(b) ikollu l-jedd li s-servizz tiegħu ma' l-Awtorità jitqies bħala servizz mal-Gvern għall-fini ta' kull pensjoni, gratifikazzjoni taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet u l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltima, u ta' kull jedd jew privileġġ ieħor li għalih kien ikollu dritt, u suġġett għal kull responsabbiltà li għaliha kien ikun suġġett, kieku mhux għall-fatt li hu kien allokat għal xogħol ma' l-Awtorità.

Kap. 93.
Kap. 58.

(6) Meta ssir applikazzjoni kif provdut fis-sub-paragrafu (i) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu, din għandha tingħata l-istess konsiderazzjoni bħallikieku l-applikant ma kienx allokat għal xogħol ma' l-Awtorità.

(7) L-Awtorità għandha tħallas lill-Gvern dawk il-kontribuzzjonijiet li jistgħu minn żmien għal ieħor ikunu stabbiliti mill-Ministru responsabbli għall-finanzi għal kemm jiswew il-pensjonijiet u l-gratifikazzjonijiet dovuti lil uffiċjal allokat għal xogħol ma' l-Awtorità kif intqal qabel matul il-perijodu li fih ikun hekk allokat.

Offerta ta' mpieg permanenti lil uffiċjali pubbliċi.

26. (1) L-Awtorità tista', bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru, toffri lil kull uffiċjal pubbliku allokat għal xogħol ma' l-Awtorità taħt l-artikolu 25 ta' dan l-Att impieg permanenti ma' l-Awtorità b'rimunerazzjoni u b'pattijiet u kondizzjonijiet speċifikati fl-offerta.

(2) Kull uffiċjal li jaċċetta mpieg permanenti ma' l-Awtorità li jkun offrut lilu taħt dan l-artikolu għandu, għall-finijiet kollha jitqies li spiċċa mis-servizz tal-Gvern u li jkun daħal f'servizz ma' l-Awtorità fid-data ta' l-aċċettazzjoni tiegħu.

TAQSIMA V

Dikjarazzjoni u Regolament ta' Portijiet

Dikjarazzjoni ta' portijiet.

27. (1) Il-Ministru, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità, jista' b'ordni —

(a) jiddikjara kull post flimkien ma' kull area ta' art f'Malta bħala port, jew ċentru tal-*yachting*, għall-finijiet ta' dan l-Att;

(b) jistabbilixxi l-limiti ta' kull post, dikjarat bħala port, jew ċentru tal-*yachting* skond il-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu;

(ċ) jiddikjara kull ilmiet navigabbli jew area ta' art bħala qarba ta' port jew ċentru tal-*yachting*, skond kif imfisser f'dan l-Att.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu l-postijiet speċifikati fit-Taqsima I u II ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att qed jiġu b'dan dikjarati bħala portijiet; u l-postijiet speċifikati fit-Taqsima IV ta' l-imsemmija Skeda qed jiġu b'dan dikjarati bħala ċentri tal-*yachting*.

(3) Bla ħsara għas-setgħat tiegħu li jirrevoka, jibdel jew jissostitwixxi xi ordni magħmul taħt dan l-artikolu, il-Ministru jista' wkoll, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità, b'ordni jirrevoka, jibdel jew jissostitwixxi l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

Setgħa għall-eġħmil ta' regolamenti.

28. (1) Il-Ministru jista', wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità, jagħmel regolamenti għall-manutenzjoni, kontroll u tmexxija ta' l-ibħra territorjali u interni ta' Malta u kull port u l-art u l-baħar li jkunu qarba ta' kull port u biex tinżamm il-bon-ordni fihom u jista' jagħmel regolamenti separati u differenti għall-ibħra territorjali u interni ta' Malta, għal portijiet u ċentri tal-*yachting* u għal bastimenti u *yachts*; u b'mod partikolari, iżda bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, jista' jagħmel regolamenti għall-għanijiet kollha li ġejjin jew għal xi wieħed minnhom:

(a) sabiex jinżamm il-bon-ordni f'kull parti ta' l-ibħra territorjali u interni ta' Malta, f'kull port u fl-art u fil-baħar li jkunu qarba ta' kull port, u fuq il-mollijiet, u għal kull għan ieħor dwar dawn;

(b) biex jirregolaw it-traffiku fil-limiti ta' port jew l-art u l-baħar fil-qarba tiegħu;

(ċ) biex jirregolaw l-irmiġġi, l-istazzjonijiet u l-ankraġġi li għandhom ikunu okkupati minn bastimenti u t-tneħħija ta' bastimenti minn irmiġġ, stazzjon jew ankraġġ ieħor, u ż-żmien li matulu dik it-tneħħija għandha ssir;

(d) biex jirregolaw bastimenti waqt li jkunu jgħabbu jew iniżżlu ekwipaġġ, passiġġieri, merkanzija jew saborra, skond il-każ, jew waqt li jkunu qed jieħdu *fuel* jew ħażniet;

(e) biex iżommu passaġġi liberi ta' dik il-wisa' li titqies meħtieġa, f'xi port u matul, fuq jew ħdejn il-*piers*, bankini, postijiet ta' żbark, xtut, mollijiet, baċiri, rmiġġi u xogħlijiet oħra bħal dan li jkunu fihom jew imissu magħhom jew ma' postijiet oħra bħalhom; u biex jimmarkaw il-postijiet sabiex jibqgħu hekk liberi;

(f) biex jirregolaw, jikkontrollaw u jipprojbixxu l-preżenza ta' kull persuna f'xi post jew bini f'port jew l-użu minn xi persuna ta' dak il-post jew bini;

(ġ) biex jirregolaw l-ankraġġ, l-irbit, l-irmiġġ u t-tneħħija ta' l-irmiġġ u t-tmexxija bil-ġbid ta' gerlin ta' bastimenti u l-użu ta' gerlini, bażi għall-irmiġġ, ankri, ktajjen u rmiġġi oħra f'xi port;

(h) biex jirregolaw it-traffiku, jevitaw ingombru u jżommu l-ordni fuq kull area, *pier*, bankina, post ta' żbark, xatt, moll u baċir f'port jew fl-art u l-baħar tal-qarba tiegħu u sabiex ikun żgurat ħarsien mill-periklu ta' kull wieħed mill-imsemmija postijiet u xogħlijiet;

(i) biex jirregolaw l-użu ta' nirien u dwal u s-sinjali li għandhom jintużaw bi nhar u bil-lejl u l-miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' nar f'port;

(j) biex jirregolaw l-użu ta' dwal ta' navigazzjoni jew dwal tas-sinjali minn bastimenti, l-użu ta' bandieri u sinjali li jintużaw minn bastimenti li jaslu, jkunu fi jew li jitilqu minn port u l-użu minn bastimenti ta' sfafar ta' l-istim, sireni ta' l-istim u strumenti oħra bħal dawn;

(k) biex jipprojbixxi t-tlaqqix, it-tqaxxir, it-tħaddim bil-makna jew it-tiswijiet fuq bastimenti, skond il-każ, ħlief f'dawk l-ankraġġi jew postijiet stabbiliti mill-Awtorità;

(l) biex jirregolaw il-galleġġar ta' kull ħaġa f'xi port jew fil-qarba ta' xi port u t-tfiegħ jew id-depożitu ta' xi korp mejjet, saborra, żibel jew ħaġa oħra fl-ibħra territorjali jew interni ta' Malta, jew f'xi port jew qarba ta' xi port;

(m) biex ifissru oġġetti perikoluż, riskjuż, infjammabbli, esplożivi jew ta' ħsara, biex jirregolaw il-movimenti u l-ankraġġ ta' bastimenti li jkollhom fuqhom dawk l-oġġetti u biex jippreskrivu d-dmirijiet ta' kaptani ta' kull bastiment bħal dawn u ta' persuni mqabbdin fi jew li jissorveljaw it-tagħbija, il-ħatt, l-iżbark u t-trasport ta' kull oġġett bħal dawn;

(n) biex ma jitħallewx isiru, biex jitneħħew u biex ikunu mmarkati ostakoli f'xi port u l-qarba tiegħu u biex jitħares u jkun kontrollat it-tniġġiż bi żjut u sustanzi oħra, jew b'xi mod ieħor, ta' kull port u l-qarba tiegħu;

(o) biex jirregolaw it-tqegħid u l-manutenzjoni ta' rmiġġi u bagi f'xi port;

(p) biex jittieħdu miżuri biex bastimenti ma jitħallewx jitilqu minn xi port jekk ikunu mgħobbija ż-żejjed, mgħobbija mhux kif imiss, jew jekk xort'oħra mhux tajbin biex ibaħħru, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi dwar bastimenti merkantili;

(q) biex bastimenti, passiġġieri u merkanzija jkunu protetti, u biex jitneħħew bastimenti u l-merkanzija tagħhom u l-oġġetti li għandhom x'jaqsmu magħhom li jkunu qed jingumbraw jew li x'aktarx jingumbraw xi port, biex jitħallsu lura spejjeż li għandhom x'jaqsmu ma' dan, u l-impożizzjoni u l-ġbir ta' kera biex buk ta' bastiment jew bastimenti mġarrfa jew fdalijiet ta' bastiment mgħarraq jitħallew qiegħda f'xi port jew fil-qarba tiegħu;

(r) biex jirregolaw, jiddikjaraw u jfissru x-xtut, il-mollijiet, il-baċiri, il-*piers* u postijiet fil-portijiet, li minnhom jew fuqhom persuni jitniżżlu jew jitgħabbew u oġġetti jkunu mbarkati jew żbarkati;

(s) biex jirregolaw il-mod li bih, u l-kundizzjonijiet li taħthom it-tagħbija u l-ħatt ta' bastimenti, u t-tagħbija jew ħatt bi braken, il-maniġġar u l-ħażna ta' oġġetti, magħduda l-konsenja minn maħżen, għandhom isiru;

(t) biex jirregolaw l-użu ta' mħażen, xtut, mollijiet, baċiri, *piers* u postijiet oħra fil-portijiet li fuqhom jew minnhom oġġetti jkunu mbarkati jew żbarkati u l-imġieba ta' persuni li jieħdu sehem fl-imbark fuq jew fl-iżbark minn bastiment f'xi port;

(u) biex jipprovdu għad-dixxiplina ta' l-impjegati ta' l-Awtorità jew tal-kuntrattur, sew jekk regolari jew każwali, u l-proċeduri li għandhom jitħarsu għal dan il-għan, magħduda l-ħatra ta' bord ta' dixxiplina u t-tmexxija u l-proċedura tiegħu, u biex jipprovdu għall-penalitajiet li jistgħu jingħataw minn dak il-bord;

(v) biex jeħtieġu u jirregolaw l-użu ta' liċenza lil persuna biex tkun aġent ta' bastiment, il-kondizzjonijiet li taħthom tinħareġ dik il-liċenza u l-ġbir ta' pagament li għandu jsir għall-ħruġ ta' dik il-liċenza, u b'mod ieħor biex jirregolaw u jikkontrollaw l-attivitajiet ta' aġenti tal-bastimenti u persuni li jirrappreżentaw sidien ta' bastimenti safejn dawk l-attivitajiet ikunu dwar bastimenti li jistgħu jkunu jew li kienu f'port;

(w) biex jirregolaw il-mod li bih bastimenti li jitħallew qiegħda f'port, għal iktar minn dak iż-żmien permess mill-Awtorità, jew li jitħallew jew għal kollox waħedhom jew mingħajr ekwipaġġ biżżejjed fuqhom, għandhom ikunu trattati u x'isir minnhom;

(x) biex jirregolaw kull ħaġa minn dan li ġej:

(i) it-tneħħija ta' oġġetti li jitħassru jew ma ssirx talba għalihom li jinsabu f'xi port;

(ii) il-projbizzjoni ta' tipjip f'kull parti ta' xi port jew il-qarba tiegħu;

(iii) il-bejgħ ta' oġġetti f'kull parti ta' xi port;

(y) biex jirregolaw ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' purtiera, dawk li jġorru u ħaddiema oħra li jkunu mpjegati fil-limiti ta' port, il-ħruġ ta' liċenzi għat-twettiq ta' dak ix-xogħol u kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam mad-dixxiplina ta' dawk il-ħaddiema:

Iżda ix-xogħol tal-*porters* tal-bagalji jkun taħt it-treġija u l-kontroll ta' l-Awtorità:

Iżda wkoll il-gvern jew l-Awtorità ma jagħmlu tajjeb għall-ebda telf jew ħsara li jsiru waqt it-tagħbija, ħatt jew trasbord ta' bagalji minn *porter* tal-bagalji b'liċenza;

(z) biex jippreskrivi kull ħaġa li b'dan l-Att tista' jew għandha tkun preskritta.

(2) Kull persuna li tikser jew li tonqos li tħares xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' xi wieħed mir-regolamenti magħmula jew li huma meqjusa li saru taħt dan l-artikolu tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinsab ħatja multa ta' mhux iżjed minn erbat elef lira jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien, u fil-każ ta' reat kontinwu l-ħlas ta' multa addizzjonali ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira għal kull jum li matulu jkompli r-reat.

Reġistrazzjoni u liċenzar ta' dgħajjes u bastimenti ma' u mill-Awtorità.

29. (1) L-ebda dgħajsa jew bastiment ma għandu jintuża fl-ibħra territorjali jew interni ta' Malta, jekk dik id-dgħajsa jew bastiment ma jkunx reġistrat ma' l-Awtorità f'Reġistru għal Bastimenti Zgħar mwaqqaf skond regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu, jew jekk dik id-dgħajsa jew bastiment ma jkunx reġistrat taħt l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, jew jekk dik id-dgħajsa jew bastiment ma jkunx reġistrat jew dokumentat għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità taħt il-liġi ta' xi pajjiż ieħor li mhux Malta.

(2) L-ebda dgħajsa jew bastiment ma għandu jintuża għal xi negozju, kummerċ jew żjarar fl-ibħra territorjali u interni ta' Malta —

(a) jekk dik id-dgħajsa jew bastiment ma jkunx liċenzat kif meħtieġ mill-Awtorità għal dak in-negozju, kummerċ jew żjarar; jew

(b) jekk, meta dik id-dgħajsa jew bastiment li jkun qed jintuża għall-ġarr ta' passiġġieri bejn postijiet f'Malta, ma jkunx liċenzat għal dan l-iskop mill-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku, mwaqqfa bis-saħħa ta' l-Att ta' l-1989 dwar it-Trasport Pubbliku; jew

Att IX ta' l-1989.

(ċ) jekk, meta dik id-dgħajsa jew bastiment li jkun qed jintuża bħala dgħajsa tas-sajd, ma jkunx liċenzat għal dan l-iskop mill-Ministru responsabbli għas-sajd.

(3) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti:

(a) biex jirregolaw il-mod ta' reġistrazzjoni ta' xi dgħajsa jew bastiment f'Reġistru għal Bastimenti Żgħar imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu;

(b) biex jippreskrivu l-ħtiġiet li għandhom jiġu sodisfatti għal dik ir-reġistrazzjoni, magħduda it-tiġdid u t-temma tagħha;

(ċ) biex jippreskrivu, bla ħsara għall-ġeneralità ta' dan is-subartikolu, il-ħlas pagabbli ma' dik ir-reġistrazzjoni u għal kull servizz konness magħha;

(d) biex jippreskrivu l-ħtiġiet għall-użu ta' kull dgħajsa jew bastiment fl-ibħra territorjali u interni ta' Malta,u għall-użu ta' kull dgħajsa jew bastiment reġistrat fir-Reġistru għall-Bastimenti Żgħar kif provdut f'dan l-artikolu;

(e) biex jirregolaw l-użu ta' kull dgħajsa jew bastiment fl-ibħra territorjali jew interni ta' Malta.

Tagħrif li għandu jingħata mal-wasla ta' bastiment.

30. Il-kaptan ta' kull bastiment li jasal f'Malta minn xi post 'il hemm mill-ibħra għandu jagħti lill-Awtorità —

(a) ir-reġistru tal-bastiment u l-karti tal-bastiment;

(b) il-manifest, f'duplikat, tal-merkanzija kollha li tkun se tiġi żbarkata f'Malta;

u għandu wkoll jagħti lill-Awtorità dak it-tagħrif l-ieħor dwar il-bastiment u l-passiġġieri, l-annimali u merkanzija li jkollu fuqu kif jista' jkun preskritt, u kull tagħrif bħal dan li l-Awtorità tista' teħtieġ fid-diskrezzjoni tagħha.

Tagħrif li għandu jingħata qabel jitlaq bastiment.

31. (1) Qabel ma japplika għal ħelsien biex joħroġ minn port skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' xi liġi oħra li tkun fiż-żmien issehħ, il-kaptan ta' bastiment għandu jagħti lill-Awtorità —

(a) lista li jkun fiha n-numru ta' passiġġieri żbarkati jew imbarkati f'Malta;

(b) rendikont bil-miktub tal-kwalitajiet, kwantitajiet, piżijiet u qisien tal-merkanzija żbarkata jew mgħobbija f'Malta;

u għandu wkoll jagħti lill-Awtorità dak it-tagħrif l-ieħor dwar il-bastiment u l-passiġġieri, l-annimali u merkanzija li jkollu fuqu kif jista' jkun preskritt jew kif l-Awtorità tista' teħtieġ fid-diskrezzjoni tagħha:

Iżda l-kaptan ta' bastiment jista' jkun eżentat minn dawk id-dmirijiet meta s-sid jew l-aġent, jew ir-rappreżentant tas-sid jew l-aġent tal-bastiment jiggarantixxi għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità illi jaqdi dawn id-dmirijiet minflok il-kaptan f'dak iż-żmien u taħt dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jiġi preskritti jew kif l-Awtorità tista' tistabbilixxi.

(2) Il-partikolaritajiet meħtieġa taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandhom jingħataw jew ikunu provduti f'dik il-forma, f'dak in-numru ta' kopji u f'dak iż-żmien li jista' jkun preskritt jew kif l-Awtorità tista' teħtieġ.

Tagħrif dwar oġġetti ppreżentati għall-imbark jew biex jitqiegħdu f'imħażen.

32. (1) Kull persuna li tippreżenta oġġetti lill-Awtorità jew lill-kuntrattur biex ikunu mbarkati jew jitqiegħdu f'maħżen, jew li titlob konsenja ta' oġġetti minn maħżen għandha tagħti dak it-tagħrif dwar l-oġġetti kif jista' jkun preskritt jew kif l-Awtorità jew il-kuntrattur jistgħu jeħtieġu.

(2) Il-partikolaritajiet meħtieġa skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandhom jingħataw jew ikunu provduti f'dik il-forma u f'dak iż-żmien li jistgħu jkunu preskritti jew kif l-Awtorità jew il-kuntrattur jistgħu jeħtieġu.

(3) Meta l-għoti ta' dokumenti biex ikunu iritirati oġġetti minn maħżen ikun preskritt taħt dan l-Att għall-finijiet ta' dan l-artikolu, l-Awtorità jew il-kuntrattur għandhom ikunu meħlusa minn kull responsabbiltà għall-konsenja ta' l-oġġetti jekk l-Awtorità jew il-kuntrattur jikkonsenjaw l-oġġetti li għalihom jirreferu d-dokumenti lill-persuna li tippreżenta dawk id-dokumenti.

Bastiment f'port għandu jkollu l-ekwipaġġ xieraq.

33. Il-kaptan u l-aġenti ta' bastiment ikunu responsabbli biex jiżguraw li l-bastiment f'kull ħin fil-waqt li jkun qiegħed f'port ikollu ekwipaġġ xieraq fuqu kif meħtieġ mill-Awtorità:

Iżda l-Awtorità tista', bil-miktub u taħt dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa, tagħti permess biex bastiment ikollu fuqu numru inqas ta' ekwipaġġ.

Thollija ta' bastiment qiegħed.

34. (1) Il-kaptan, is-sid jew l-aġent ta' bastiment, m'għandux iħalli dak il-bastiment qiegħed jew iżommu għal iktar minn kemm ikun meħtieġ f'port ħlief bil-permess miktub bil-quddiem ta' l-Awtorità.

(2) Fl-għoti ta' dak il-permess l-Awtorità tista' tagħmel dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa u b'mod partikolari tista' tispeċifika ż-żmien li matulu dak il-bastiment hekk jista' jitħalla qiegħed.

(3) Malli jagħlaq dak iż-żmien, jew ma' xi ksur jew nuqqas ta' tħaris ta' xi waħda mill-imsemmija kundizzjonijiet, il-permess mogħti mill-Awtorità jiskadi, sakemm l-Awtorità ma ġġeddidx dak il-permess.

(4) L-Awtorità tista', ma' l-għoti ta' avviż ta' mhux inqas minn tlett ijiem, tħassar kull permess mogħti taħt dan l-artikolu.

Bastiment li jkun tħalla qiegħed.

35. (1) L-Awtorità tista' tordna li kull bastiment li jkun tħalla qiegħed f'port f'Malta bla permess iħalli dak il-port f'dak iż-żmien li tista' tistabbilixxi.

(2) Tkun ir-responsabbiltà tal-kaptan, sid jew aġent tal-bastiment, li jħares kull ordni mogħti kif intqal qabel.

(3) Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' liġi, bastiment li jkun tħalla qiegħed f'xi port f'Malta, wara li jkun ingħata ordni biex jitlaq, ikun suġġett li jinbiegħ kif provdut f'dan l-artikolu.

(4) Ma' l-avviż ta' erbatax-il jum lill-kaptan tal-bastiment, l-Awtorità tistà tapplika lill-Qorti tal-Kummerċ biex toħroġ ordni biex il-bastiment jinbiegħ bil-qorti; u l-bejgħ bil-qorti għandu jsir fi żmien ħamsa u erbgħin jum mid-data li fiha jkun sar l-ordni tal-Qorti.

Garanzija għall-ħlas ta' drittijiet, rati eċċ.

36. Il-kaptan, is-sid jew l-aġent ta' bastiment, jistgħu individwalment, jew solidalment, ikunu meħtieġa li jagħtu dik il-garanzija għall-ġbir ta' drittijiet, rati, u pagamenti jew spejjeż dovuti lill-Awtorità dwar dak il-bastiment f'dak l-ammont li l-Awtorità tista' teħtieġ.

Setgħat ta' l-Awtorità jistgħu jiġu eżerċitati minkejja mandat.

37. Is-setgħat mogħtija b'dan l-Att lill-Awtorità dwar bastiment li jkun tħalla qiegħed jistgħu jiġu eżerċitati mill-Awtorità minkejja kull mandat maħruġ minn xi qorti dwar il-bastiment li fuqu jkunu qed jiġu eżerċitatí dawk is-setgħat, b'dana li f'każ fejn ikun maħruġ mandat dwar dak il-bastiment, dawk is-setgħat jistgħu jiġu eżerċitati biss jekk il-Ministru jiddikjara li dak l-eżerċizzju jkun meħtieġ fl-interess nazzjonali, u d-dikjarazzjoni tal-Ministru bħal dik ma tkunx tista' tiġi kontestata f'ebda qorti.

Aġent ma jistax jitlaq aġenzija.

38. Aġent ta' bastiment, li jkun wettaq xi għemil dwar il-bastiment li b'xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att huwa meħtieġ li jsir jew li jkun daħal għal jew għamel xi ħlas jew ħa xi responsabbiltà dwar bastiment f'xi port, għandu, għall-finijiet ta' dan l-Att, jitqies li hu l-aġent tal-bastiment, sakemm dak il-bastiment jibqa' Malta.

TAQSIMA VI

Drittijiet, Ħlasijiet u Rati tal-Port

Ġbir ta' drittijiet, eċċ.

39. (1) L-Awtorità għandha tiġbor id-drittijiet, ir-rati, il-ħlasijiet u l-pagamenti li minn żmien għal żmien jistgħu jkunu preskritti taħt l-artikolu 52 ta' dan l-Att.

(2) Il-persuni li ġejjin ikunu responsabbli għall-ħlas ta' kull dritt, ħlas jew pagament miġbur taħt dan l-Att:

(a) il-kaptan jew sid tal-bastiment;

(b) l-aġent tal-bastiment, li jkun ħallas jew ħa r-responsabbiltà li jħallas xi ħlas akkont ta' dak il-bastiment.

(3) Meta xi drittijiet, ħlasijiet jew pagamenti miġbura taħt dan l-artikolu jitħallsu mill-aġent jew mir-rappreżentant li jkun ħa r-responsabbiltà għall-ħlas skond il-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, dak l-aġent jew rappreżentant jista' jżomm mill-flus li jkollu f'idejh li jkun irċieva akkont tal-bastiment, jew tas-sid tiegħu, l-ammont imħallas minnu flimkien ma' kull spejjeż xierqa li jkun seta' għamel minħabba dak il-ħlas jew dik ir-responsabbiltà.

Pleġġ jew privileġġ dwar rati.

40. (1) Għall-ammont tar-rati kollha li għandhom jingabru taħt dan l-artikolu dwar kull oġġett, l-Awtorità jkollha pleġġ jew privileġġ fuq dawk l-oġġetti u jkollha dritt li taqbadhom u żżommhom sakemm dawk ir-rati jitħallsu għal kollox.

(2) Ir-rati dwar oġġetti li jkunu se jiġu żbarkati għandhom jitħallsu minnufih ma' l-iżbark ta' dawk l-oġġetti.

(3) Ir-rati dwar oġġetti li jkunu se jitneħħew minn imħażen, jew li jkunu se jiġu mbarkati, għandhom jitħallsu qabel ma dawk l-oġġetti jitneħħew jew ikunu mbarkati, skond il-każ:

Iżda, sabiex ikun evitat dewmien, l-Awtorità tista' tħalli li oġġetti jkunu mbarkati qabel ma jitħallsu dawk ir-rati, u f'dawn il-każijiet l-Awtorità għandha żżomm ir-riċevuti tal-bastiment bħala garanzija għall-ħlas ta' dawk ir-rati.

(4) Il-pleġġ jew privileġġ għal dawk ir-rati jkollhom preċedenza fuq il-privileġġi u l-ipoteki l-oħra kollha fuq l-oġġetti u talba dwar dawk ir-rati għandha titħallas bi preferenza għal kull talba oħra, kemm jekk privileġġata jew jekk ipotekata, fuq dawk l-oġġetti, minkejja kull dispożizzjoni oħra tal-liġi f'sens kuntrarju.

Pleġġ għan-noll u drittijiet oħra.

41. (1) Jekk il-kaptan jew is-sid ta' bastiment jew aġent jew rappreżentant ta' xi waħda minn dawk il-persuni, jew il-persuna li minnha jkunu żbarkati l-oġġetti, jagħtu avviż xieraq bil-miktub lill-Awtorità illi xi oġġetti li se jkunu żbarkati jew li jkunu ġew żbarkati f'xi maħżen ikunu suġġetti għal pleġġ jew privileġġ tan-noll, għal avarija ġenerali, jew għal drittijiet sa ammont li jissemma' f'dak l-avviż, l-Awtorità tista' żżomm dawk l-oġġetti, għar-riskju u għas-spejjeż tas-sid ta' l-oġġetti, sakemm il-pleġġ jew privileġġ ikun meħlus kif hawnhekk iżjed 'il quddiem jingħad, jew sakemm ikollha dritt, skond id-dispożizzjonijiet hawnhekk iżjed 'il quddiem speċifikati, li tbiegħhom, jew sakemm l-oġġetti jkunu trasferiti f'maħżen tal-Gvern kif imfisser fl-Ordinanza tad-Dwana skond id-dispożizzjonijiet ta' dik l-Ordinanza.

Kap. 37.

(2) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tinftiehem bħala li teħtieġ lill-Awtorità jew kuntrattur, skond il-każ, li jieħu taħt il-kustodja tiegħu xi oġġetti li l-Awtorità jew kuntrattur jistgħu jirrifjutaw li jaċċettaw skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew bħala li teħtieġ lill-Awtorità li jara dwar il-validità ta' xi talba magħmula f'xi avviż mogħti taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

Helsien ta' pleġġ.

42. Meta jingieb lill-Awtorità dokument li juri li hu riċevuta għall-ammont mitlub bħala dovut, jew ħelsien għall-ammont ta' xi pleġġ jew privileġġ li għalih oġġetti jkunu suġġetti taħt l-artikolu 40 ta' dan l-Att mill-persuna li minnha jew f'isimha jkun ingħata dak l-avviż, l-Awtorità tista' tagħti permess li dawk l-oġġetti jitneħħew mingħajr ma jitqies il-pleġġ jew privileġġ, kemm-il darba l-Awtorità tkun użat attenzjoni xierqa biex tistabbilixxi li dak id-dokument ikun awtentiku.

Setgħa ta' l-Awtorità li tbiegħ oġġetti.

43. (1) Minkejja kull pleġġ jew privileġġ imsemmi fl-artikoli 40 u 41 ta' dan l-Att, jekk ir-rati li għandhom jitħallsu lill-Awtorità dwar xi oġġetti ma jkunux tħallsu, l-Awtorità tista', malli jgħaddu disgħin jum miż-żmien meta l-oġġetti jkunu tqegħdu taħt il-kustodja tagħha jew tal-kuntrattur, jew jekk l-oġġetti jkunu ta' xorta li jistgħu jitħassru f'dak iż-żmien qabel, li ma jkunx inqas minn erbgħa u għoxrin siegħa, wara l-iżbark ta' l-oġġetti, kif l-Awtorità jidhrilha xieraq, tbiegħ b'irkant pubbliku l-imsemmija oġġetti jew daqs kemm ikun meħtieġ biex jitħallsu l-ispejjeż, u jitħallsu r-rati u t-talbiet l-oħra li skond ma jingħad hawnhekk iżjed 'il quddiem għandhom jitħallsu mid-dħul ta' dak il-bejgħ.

(2) Qabel ma jsir dak il-bejgħ għandu jingħata avviż ta' għaxart ijiem dwaru fil-Gazzetta kemm-il darba l-oġġetti ma jkunux ta' xorta li jistgħu hekk jitħassru li, fil-fehma ta' l-Awtorità, ikun meħtieġ u konsiljabbli l-bejgħ immedjat tagħhom, f'liema każ dak l-avviż għandu jingħata skond kif teħtieġ l-urġenza tal-każ.

(3) Jekk l-indirizz tas-sid ta' l-oġġetti jew ta' l-aġent tiegħu jkun dikjarat fuq il-manifest tal-merkanzija, jew f'xi wieħed mid-dokumenti mogħtija lill-Awtorità, jew ikun xort'oħra magħruf, u dak l-indirizz ikun f'Malta, għandu jingħata wkoll avviż lis-sid ta' dawk l-oġġetti b'ittra konsenjata f'dak l-indirizz jew mibgħuta bil-posta; iżda t-titolu ta' xerrej *in bona fede* ma jkunx invalidat minħabba n-nuqqas li jintbagħat dak l-avviż, l-anqas ma għandu dak ix-xerrej ikun marbut li jara jekk dak l-avviż ikunx intbagħat.

(4) Jekk fl-irkant li jsir skond dan l-artikolu xi oġġetti jibqgħu ma jinbigħux, l-Awtorità tista' tiddisponi minnhom bil-mod li jidhrilha xieraq.

X'isir mid-dħul tal-bejgħ.

44. (1) Dak li jidħol minn kull bejgħ jew tneħħija ta' oġġetti skond l-artikolu 43 ta' dan l-Att, għandu jkun applikat kif ġej, u fl-ordni li ġej—

(a) għall-ħlas ta' l-ispejjeż tal-bejgħ jew tat-tneħħija;

(b) għall-ħlas tar-rati u spejjeż li jkollhom jitħallsu lill-Awtorità dwar l-oġġetti;

(ċ) għall-ħlas tan-noll jew ta' talbiet oħra jew pleġġ jew privileġġ li avviż dwarhom ikun ingħata taħt l-artikolu 41 ta' dan l-Att;

(d) għall-ħlas ta' dazju ta' importazzjoni jew ta' sisa u kull *levy* li tista' tkun dovuta fuq dawk l-oġġetti;

u dak li jifdal, jekk ikun hemm, jitħallas lis-sid ta' l-oġġetti fuq talba tiegħu:

Iżda fejn dak li jidħol minn dak il-bejgħ jew tneħħija ma jkunx biżżejjed biex ikopri id-dazji jew *levies* imsemmija fil-paragrafu (d) ta' hawnhekk, dak il-bejgħ jew tneħħija għandu jitkompla u dawk id-dazji

u *levies* jitqiesu li tnaqqsu għal dik is-somma, jekk ikun hemm, li tibqa' għal ħlas tagħhom.

(2) F'każ li talba bħal din ma ssirx fi żmien sena mill-bejgħ ta' l-oġġetti, dak li jifdal għandu jinżamm mill-Awtorità, u ma' dan id-drittijiet kollha tas-sid għalihom għandhom jispiċċaw.

Helsien jinżamm sakemm jitħallsu r-rati.

45. Jekk xi ammont dwar drittijiet, rati, pagamenti jew ħlasijiet oħra li għandhom jingabru skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att kontra xi bastiment ikunu għadhom ma tħallsux, f'dan il-każ, fuq it-talba ta' l-Awtorità, dak il-bastiment ma għandu jingħata ebda ħelsien jew permess għall-ħruġ taħt l-Ordinanza tad-Dwana sakemm —

(a) l-ammont ta' dawk id-drittijiet, rati, ħlasijiet jew pagamenti jkun tħallas; jew

(b) ma tkunx ingħatat garanzija għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità għall-ħlas tagħhom.

L-Awtorità tista' titla' fuq bastiment.

46. Id-Direttur Eżekuttiv responsabbli għall-portijiet, u kull persuna oħra awtorizzata mill-Awtorità, tista' titla' fuq kull bastiment, f'port jew barra minnu, biex tistabbilixxi l-ammont li għandu b'mod xieraq jitħallas dwar dak il-bastiment.

Użin u kejl ta' oġġetti f'każ ta' kwistjoni.

47. Jekk ikun hemm xi nuqqas ta' qbil bejn l-Awtorità u l-kaptan jew sid ta' bastiment, jew is-sid ta' xi oġġetti, jew l-aġent ta' xi waħda mill-persuni msemmija, dwar il-piż jew kejl ta' l-oġġetti li dwarhom xi drittijiet, rati jew ħlasijiet ikollhom jitħallsu, l-Awtorità għandha tara li dawk l-oġġetti jintiżnu jew jitkejlu u tista', jekk jidħrilha xieraq, iżżomm il-bastiment li minnu dawk l-oġġetti jkunu nħattu sakemm dawn jintiżnu jew jitkejlu.

Ħlas ta' spejjeż ta' użin u kejl.

48. (1) Jekk l-użin jew kejl ta' dawk l-oġġetti jirriżulta li jkun iktar minn dak muri fil-partikolaritajiet mogħtija mill-kaptan jew is-sid ta' l-oġġetti, jew l-aġent ta' xi waħda minn dawk il-persuni skond l-artikoli 30, 31 u 32 ta' dan l-Att, l-ispejjeż ta' dak l-użin jew kejl għandhom jitħallsu lill-Awtorità mill-kaptan tal-bastiment, jew mis-sid ta' l-oġġetti, jew l-aġent ta' xi waħda minn dawk il-persuni, skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u jkunu jingabru bl-istess mod kif jingabru drittijiet, rati jew ħlasijiet taħt dan l-Att.

(2) Jekk f-użin jew il-kejl ta' dawk l-oġġetti jirriżulta li jkun l-istess bħal, jew inqas minn, dak muri fil-partikolaritajiet mogħtija kif intqal qabel, l-Awtorità għandha tħallas l-ispejjeż kollha ta' dak l-użin jew kejl.

Ordni li jinżamm bastiment.

49. (1) Jekk il-kaptan ta' bastiment li dwaru għandhom jitħallsu drittijiet, rati jew ħlasijiet li għandhom jingabru skond dan l-Att jiċħad jew jittraskura milli jħallas dawk id-drittijiet, rati jew ħlasijiet meta hekk mitlub, l-Awtorità tista' toħroġ ordni biex dak il-bastiment jinżamm milli jsiefer; u f'kull każ bħal dan l-Awtorità għandha fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa mill-ħruġ ta' l-ordni tibda proċedimenti kontra

l-kaptan b'taħrika quddiem il-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja, fejn titlob il-konferma ta' l-ordni li tarresta jew iżżomm il-bastiment sakemm jitħallsu dawk id-drittijiet, rati jew ħlasijiet.

(2) Meta xi ordni ta' tiżmim magħmul taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jkun konfermat mill-Qorti dan għandu jibqa' jseħħ sakemm ikun irtirat mill-Awtorità jew revokat mill-Qorti.

(3) Jekk sa perijodu ta' erbatax-il jum ordni ta' tiżmim magħmul taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jkun ġie konfermat mill-Qorti —

(a) xi drittijiet, rati jew ħlasijiet dovuti, jew

(b) xi spejjeż ta' tiżmim, magħduda spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mat-taħrika, jew l-arrest jew detenzjoni tal-bastiment,

jibqgħu mhux imħallsa, l-Awtorità tista' żżiegħel li dak il-bastiment, jew xi parti mit-*tackle*, għodod, armamenti, jew tagħmir jinbiegħu b'irkant pubbliku, u minn dak li jidħol minn dak il-bejgħ l-Awtorità tista' żżomm l-ammont dovut flimkien ma' l-ispejjeż tal-bejgħ u dawk l-ammonti l-oħra li jistgħu jkunu dovuti minħabba li l-bastiment ikun baqa' fil-port, u tagħti l-bilanċ, jekk ikun hemm, lill-kaptan tal-bastiment.

(4) Meta xi ordni ta' tiżmim magħmul taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma jkunx konfermat mill-Qorti dan għandu jintemm u jkun bla ebda effett.

50. Meta —

Indenniz meta l-oġġetti jintalbu minn iktar minn persuna waħda.

(a) xi oġġetti jew id-dħul mill-bejgħ jew tneħħija ta' xi oġġetti jkunu fil-pussess ta' l-Awtorità jew ta' kuntrattur u dawk l-oġġetti jew dħul jintalbu minn żewġ persuni jew iżjed; jew

(b) xi persuna li titlob xi oġġetti li jkunu fil-pussess ta' l-Awtorità jew ta' kuntrattur ma tipproduċix id-dokumenti li juru li jkollha jedd li tieħu l-konsenja tagħhom,

l-Awtorità jew il-kuntrattur jista' ma jikkonsenjax dawk l-oġġetti jew id-dħul sakemm il-persuna li fil-fehma ta' l-Awtorità jew tal-kuntrattur ikollha jedd għalihom ma tagħtix indenniz għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità u l-kuntrattur kontra talbiet li jistgħu jsiru minn xi persuna oħra dwar dawk l-oġġetti jew dħul.

51. Minkejja dak kollu li jinsab f'dan l-Att, l-Awtorità tista' tieħu kull azzjoni ġudizzjarja taħt kull liġi oħra biex tiġbor kull dritt, rata, ħlas, spiża, kost u dejn ieħor jew, fil-każ ta' bejgħ, biex tiġbor il-bilanċ tagħhom, meta d-dħul mill-bejgħ ma jkunx biżżejjed. Jeddijiet oħra ta' l-Awtorità

52. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Ministru jista', wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità, jagħmel regolamenti — **Setgħa għall-egħmil ta' regolamenti għall-ġbir ta' drittijiet, ħlasijiet jew pagamenti.**

(a) għall-ġbir ta' drittijiet, ħlasijiet jew pagamenti minn kull bastiment, jiġifieri —

(i) drittijiet, ħlasijiet jew pagamenti dwar bastimenti li jidħlu f'port jew jitilqu minnu, jew meta jkunu f'port jew fl-ibħra territorjali ta' Malta;

(ii) drittijiet, ħlasijiet jew pagamenti tal-port dwar passiġġieri, annimali jew merkanzija li jinġarru minn xi bastiment;

(iii) drittijiet dwar pilutaġġ, dwal, irmiġġi, bagi, ankrar jew tressiq, jew drittijiet, ħlasijiet jew pagamenti oħra dwar bastimenti.

(b) għall-ġbir ta' xi ħlasijiet jew ta' rati għall-użu ta' xi xogħlijiet, apparat jew tagħmir provdut jew għal xi servizz mogħti jew li jkun se jingħata dwar xi bastiment jew xi oġġetti, mill-Awtorità jew minn kuntrattur, u bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, għal kull ħaġa minn dawn li ġejjin:—

(i) l-iżbark, l-imbark, xogħol fuq ix-xatt, xogħol bil-gruwa, ħażna, ġarr jew *demurrage* ta' oġġetti li jinħattu minn, jew jitgħabbew fuq, jew ippreżentati biex jitgħabbew fuq xi bastiment;

(ii) l-użu minn xi bastiment jew persuna, ta' xi xatt, moll, *pier*, baċir, post ta' żbark jew ta' xi faċilità jew stallazzjoni oħra proprjetà ta' l-Awtorità jew li fuqha tkun teżerċita awtorità;

(iii) l-użu ta' xi *gear*, *tackle*, għodod, strumenti, tagħmir, tavlar jew vetturi provduti mill-Awtorità jew minn kuntrattur;

(iv) l-użu ta' xi bastiment jew barkun, jew xi makna, dgħajsa jew vettura, jew ta' xi apparat għat-tifi tan-nar li jkun proprjetà ta' jew amministrat minn jew fil-pussess ta' l-Awtorità jew kuntrattur;

(v) il-ġbid ta', u l-għoti ta' għajnuna u servizz lil, xi bastiment, f'xi post;

(vi) għal ilma provdut lil xi bastiment mill-Awtorità jew minn kuntrattur;

(vii) dwar id-drittijiet jew rati li għandhom jitħallsu minn riċevituri, minn kunsinnaturi jew spedituri, ta' merkanzija lil persuni li jkunu ħadu l-inkarigu tal-ħatt, żbark, imbark, spedizzjoni, jew maniġġ ta' merkanzija bejn l-istiva jew il-gverta u l-battaljola, rampa, bieb jew mattjatura ta' bastiment jew xi moll jew xi post ieħor stabbilit għal ħekk jew bejn il-battaljola, rampa, bieb jew mattjatura ta' xi bastimenti u xi moll.

(ċ) li jagħtu s-setgħa lill-Awtorità li xxebbah għal kull wieħed mill-għanijiet ta' l-artikolu 39 ta' dan l-Att, kull xogħol, servizz jew faċilità li ma jkunux b'mod speċifiku imsemmija f'xi regolamenti magħmula taħt dan is-subartikolu ma' dawk imsemmijin b'mod speċifiku f'dawk ir-regolamenti li magħhom, fil-fehma ta' l-Awtorità, tista' ssir analoġija;

(d) li jippreskrivu l-kondizzjonijiet li taħthom xi xogħol jew servizz li dwaru tingħabar rata jew ħlas għandu jsir jew ikun provdut mill-Awtorità jew kuntrattur;

(e) li jipprovdu għall-eżenzjoni ta' xi bastiment, jew klassi jew klassijiet ta' bastimenti, jew ta' xi passiġġieri, annimali jew oġġetti minn kull jew uħud mid-drittijiet, rati, ħlasijiet jew pagamenti jew biex dawn jitħallsu lura jew jinħafru għal kollox jew f'parti;

(f) li jippreskrivu pagamenti dwar xi liċenza jew permess maħruġ jew mogħti mill-Awtorità taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

(ġ) li jippreskrivu kull ħaġa li taħt dan l-Att għandha jew tista' tiġi preskritta;

(h) b'mod ġenerali biex jingħata effett aħjar lil kull waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(2) Biex ikun evitat kull dubju, regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu jistgħu —

(a) jippreskrivu drittijiet, rati, ħlasijiet u pagamenti differenti għal portijiet differenti u għal ċentri tal-*yachting;*

(b) jippreskrivu drittijiet, rati, ħlasijiet u pagamenti differenti għal klassijiet ta' bastimenti jew passiġġieri, annimali jew oġġetti differenti;

(ċ) jipprovdu li l-Awtorità tkun tista' tagħmel kull ftehim speċjali dwar kull ħaġa msemmija f'dan l-artikolu minflok xi drittijiet, rati, ħlasijiet jew pagamenti li għandhom jingħabru taħt dan l-Att.

Applikazzjoni ta' din it-Taqsima.

53. Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att għandhom japplikaw għal oġġetti li huma proprjetà tal-Gvern, iżda ma japplikawx għal —

(a) kull bastiment reġistrat f'Malta u wżat biss jew prinċipalment fl-industrija tas-sajd jew fil-kummerċ tas-sajd;

(b) xi bastiment ta' Gvern barrani, iżda li ma jkunx qed jagħmel negozju jew kummerċ;

(ċ) inġenji tal-baħar, kemm jekk imexxu lilhom infushom kemm jekk le, ta' anqas minn għaxar tunnellati gross.

TAQSIMA VII

Pilutaġġ

Pilutaġġ obbligatorju.

54. (1) Il-portijiet speċifikati fit-Taqsima III ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att ikunu portijiet ta' pilutaġġ obbligatorju; u l-bastimenti kollha, ħlief bastimenti li għalihom qed issir eċċezzjoni taħt is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, għandhom, fil-waqt li jkunu qed jinnavigaw, sew billi jidħlu, iħallu jew jimxu fil-limiti ta' port ta' pilutaġġ obbligatorju, ikunu taħt il-pilutaġġ ta' bdot:

Iżda meta bastiment li għalih qed issir eċċezzjoni —

(a) ma jkunx ħa rmiġġ mogħti lilu mill-Awtorità, u, fil-fehma ta' l-Awtorità, ikun imħabbel jew x'aktarx jitħabbel ma' xi marka, baga jew xi bastiment ieħor minħabba xi raġuni tkun li tkun; jew

(b) ikun ankra fil-passaġġ ta' xi port,

f'dak il-każ, mingħajr ħsara għal kull proċeduri kriminali li jistgħu jittieħdu kontra l-kaptan ta' dak il-bastiment, l-Awtorità tista' tordna li dak il-bastiment ikun irmiġġat jew irmiġġat mill-ġdid taħt id-direzzjoni ta' bdot:

Iżda wkoll meta xi bastiment li dwaru qed issir eċċezzjoni għandu jkun irmiġġat jew jitneħħa minn irmiġġ f'xi moll, xatt, bankina, *pier* jew baga l-Awtorità tista' tordna illi dak il-bastiment ikun irmiġġat jew irmiġġat mill-ġdid taħt id-direzzjoni ta' bdot.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-bastimenti li ġejjin għandhom ikunu bastimenti li dwarhom qed issir eċċezzjoni —

(a) bastimenti tal-Gvern ta' Malta jew imħaddma minnu;

(b) bastimenti tal-gwerra ta' qawwa barranija;

(ċ) *yachts* u bastimenti tas-sajd;

(d) bastimenti ta' anqas minn ħames mitt tunnelleta gross ikkalkolati skond ir-regoli li għal dak iż-żmien ikunu fis-seħħ għall-kejl ta' bastimenti taħt l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili;

(e) bastimenti li jikkumerċjaw biss bejn portijiet f'Malta;

(f) rmonki, gangmi, ċattri jew bċejjeċ tal-baħar bħal dawn li l-kors ordinarju tan-navigazzjoni tagħhom ma jkunx barra l-limiti ta' l-ibħra territorjali ta' Malta;

(ġ) bastimenti li ma jkunux jistgħu jiksbu s-servizz ta' bdot minħabba maltemp.

(3) L-Awtorita tista' teżenta minn pilutaġġ obbligatorju kull bastiment f'xi każ partikolari.

(4) Meta xi port ikun port ta' pilutaġġ obbligatorju, il-Ministru jista' b'ordni jfisser il-limiti ta' dak il-port għall-finijiet ta' pilutaġġ obbligatorju.

Bord dwar il-Pilutaġġ.

55. (1) Qiegħed b'dan jitwaqqaf Bord dwar il-Pilutaġġ (f'din it-Taqsima msejjaħ "il-Bord") li għandu jeżerċità u jaqdi l-funzjonijiet mogħtija lilu b'din it-Taqsima ta' dan l-Att.

(2) Il-Bord ikun magħmul minn *Chairman* u minn dak in-numru ta' membri oħra kif il-Ministru jista' jaħtar minn żmien għal żmien, hekk iżda li mhux inqas minn tnejn mill-membri, ikunu membri li jkollhom esperjenza fin-nawtika jew fil-pilutaġġ.

(3) Ikun id-dmir tal-Bord li —

(a) imexxi eżamijiet dwar l-għoti ta' liċenzi lil bdoti;

(b) jaħtar listi ta' eżaminaturi għall-fini ta' l-imsemmija eżamijiet;

(ċ) imexxi proċedimenti dixxiplinari dwar bdoti skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

(d) jagħti lil bdoti misjuba ħatja ta' ksur ta' dixxiplina dawk il-pieni li minn żmien għal ieħor jistgħu jkunu preskritti; u

(e) jagħti pariri lill-Awtorità dwar kull ħaġa li l-Awtorità tista' tirreferilu dwar is-servizz ta' pilutaġġ.

(4) F'kull laqgħa tal-Bord iċ-*Chairman* u żewġ membri oħra, li minnhom għall-inqas wieħed ikollu esperjenza fin-nawtika jew fil-pilutaġġ, jagħmlu *quorum*.

(5) Il-Bord għandu jiltaqa' għall-anqas darba kull ħamsa u erbgħin jum f'dak il-ħin u post kif stabbilit miċ-*Chairman*.

(6) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-Bord jista' jirregola l-proċedura tiegħu stess.

Għoti ta' liċenzi ta' bdoti.

56. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, l-Awtorità tista' tagħti liċenza lil bdoti biex irieġu bastimenti fl-ibħra ta' Malta.

(2) Ebda persuna ma tingħata liċenza bħala bdot jekk ma tkunx —

(a) għaddiet dawk l-eżamijiet ta' kwalifika li jistgħu jkunu preskritti;

(b) ingħatat liċenza bħala bdot temporanju bi prova għal dak iż-żmien li jista' jkun preskritt:

(ċ) kisbet dik l-esperjenza prattika fil-pilutaġġ ta' bastimenti f'Malta matul iż-żmien ta' prova msemmi fil-paragrafu (b) ta' dan is-subartikolu kif jista' jkun preskritt;

(d) konfermata mill-Bord il-liċenza tagħha; u

(e) issodisfat dawk il-kondizzjonijiet l-oħra li jistgħu jkunu preskritti minn żmien għal żmien.

(3) Il-liċenza maħruġa lil bdot għandha turi safejn id-detentur tal-liċenza jkun kwalifikat jaħdem.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, l-Awtorità tista', jekk jidhrilha li jkun espedjenti, tawtorizza kull persuna biex trieġi bastiment f'port taħt dawk it-termini u kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa.

Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali. Att X ta' l-1987.

57. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali bdoti u rmiġġaturi għandhom jitqiesu, għall-finijiet biss ta' ħlas ta' kontribuzzjonijiet u biex jiġu riċevuti benefiċċji taħt dak l-Att, li huma mpjegati tas-sidien, tal-kaptani, taċ-*charterers* jew ta' l-aġenti ta' bastiment jew ta' xi persuni oħra li jitolbu s-servizzi tagħhom u dawk is-sidien, kaptani, *charterers* jew aġenti jew persuni oħra għandhom jitqiesu li huma l-prinċipal tal-bdoti u l-irmiġġaturi.

(2) L-Awtorità għandha tnaqqas mill-qliegħ tal-bdoti u l-irmiġġaturi u għandha tiġbor mingħand il-kaptan, l-aġent, iċ-*charterer* jew is-sid ta' bastiment jew mingħand xi persuna oħra li titlob is-servizzi ta' bdoti u irmiġġaturi dawk il-kontribuzzjonijiet b'dik ir-rata li minn żmien għal żmien tkun fis-seħħ dwar impjegati u prinċipali rispettivament taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali, u għandha tibgħat dawk il-kontribuzzjonijiet lid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni.

(3) Il-Ministru responsabbli għall-portijiet bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-politika soċjali jista' jagħmel regolamenti li jipprovdu għall-ġbir tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali taħt dan l-artikolu u għall-ħlasijiet ta' kull benefiċċji li għandhom jitħallsu lill-bdoti u lill-irmiġġaturi taħt l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali.

Irmiġġaturi.

58. L-Awtorità għandha tagħmel dawk l-arranġamenti dwar irmiġġaturi, magħduda l-ħtiġiet ta' liċenza u l-provdiment għal dixxiplina, kif tista' tiddeċiedi wara li tikkonsulta lill-Ministru:

Iżda kull arranġament li jkun sar kif intqal qabel għandu b'mod xieraq jipproteġi lill-irmiġġaturi li għandhom liċenza taħt l-Ordinanza dwar il-Portijiet imħassra b'dan l-Att.

Kap. 170.

Għoti ta' liċenza ma joħloqx responsabbiltà.

59. L-għoti jew tiġdid ta' liċenza lil bdot mill-Awtorità skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ma joħloqx jew jinftiehem li joħloq xi responsabbiltà lill-Awtorità jew lill-Gvern ta' Malta għal xi telf jew ħsara minħabba xi għemil jew nuqqas ta' xi bdot, sew jekk l-impieg ta' bdot ikun obbligatorju jew le.

Thassir jew revoka ta' liċenza.

60. (1) Il-liċenza maħruġa lil bdot għandha titħassar awtomatikament mill-Awtorità malli l-bdot jirtira meta jilħaq dik l-età ta' rtirar li tista' tkun preskritta minn żmien għal żmien, jew jekk dak il-bdot jinsab minn Bord Mediku maħtur mill-Awtorità li fiżikament ma jkunx tajjeb biex jaqdi dmirijietu.

(2) L-Awtorità tista' wkoll tissospendi jew tirrevoka l-liċenza maħruġa lil bdot bħala riżultat ta' deċiżjoni mill-Bord ta' penali li tikkonsisti fis-sospensjoni jew revoka tal-liċenza, jew jekk il-bdot jonqos li jmur għal dmirijietu għal aktar minn sena.

(3) Bla ħsara għal kull kundizzjoni li l-Bord jista' jagħmel, l-Awtorità tista' toħroġ mill-ġdid liċenza lil bdot li l-liċenza tiegħu tkun ġiet revokata taħt is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu.

(4) Liċenza maħruġa lil bdot għandha tingħata lura lill-Awtorità kull meta għal xi raġuni tkun imħassra, sospiża jew revokata.

Dikjarazzjoni dwar kemm ipixka bastiment.

61. Bdot jista' jeħtieġ lill-kaptan ta' kull bastiment li hu jkun qed irieġi biex jiddikjara kemm ipixka l-bastiment, it-tul u l-wisgħa tiegħu, u dak it-tagħrif l-ieħor li jista' jkun meħtieġ għall-pilutaġġ bla periklu tal-bastiment, u l-kaptan għandu jħares kull ħtieġa bħal dik.

Bdot irid jipproduċi l-liċenza.

62. Kull bdot, meta jagħmilha ta' ħekk, ikun provdut bil-liċenza tiegħu u għandu, jekk mitlub, jipproduċiha lill-kaptan tal-bastiment li jkun irieġi.

Responsabbiltà ta' sid jew kaptan.

63. Minkejja kull ħaġa li tinsab f'xi liġi oħra, is-sid jew il-kaptan ta' bastiment li jkun qed jinnaviga f'ċirkostanzi li fihom il-pilutaġġ ikun obbligatorju, għandu jwieġeb għal kull telf jew ħsara li ssir mill-bastiment jew minħabba xi żball fin-navigazzjoni tal-bastiment bl-istess mod bħallikieku l-pilutaġġ ma kienx obbligatorju.

Setgħa għall-eġħmil ta' regolamenti dwar pilutaġġ.

64. (1) Il-Ministru jista', b'konsultazzjoni ma' l-Awtorità, jagħmel regolamenti għall-għanijiet kollha li ġejjin jew għal uħud minnhom:

(a) biex jistabbilixxu l-kwalifiki li jkunu meħtieġa minn persuni li jkunu jridu liċenza biex jagħmluha ta' bdoti u biex jipprovdu dwar dawk l-eżamijiet bil-miktub, orali jew fil-prattika li jitqiesu meħtieġa għal dak il-għan;

(b) biex jistabbilixxu ż-żmien li matulu liċenza tibqa' sseħħ u l-kundizzjonijiet li taħthom tista' tiġġedded;

(ċ) biex jipprovdu l-mod li bih, u l-kondizzjonijiet li taħthom, bdoti għandhom jaqdu d-dmirijiet tagħhom taħt dan l-Att;

(d) biex jipprovdu għall-maniġġ tajjeb ta' bdoti bil-liċenza u bdoti bi prova u b'mod partikolari biex jiżguraw l-imġieba tajba tagħhom u l-attendenza kontinwa għal, u l-qadi ta', id-dmirijiet tagħhom, sew fuq il-baħar kemm fl-art;

(e) biex jipprovdu għall-ħatra ta' persuni fil-kariga ta' Bdot Ewlieni u biex jistabbilixxu d-dmirijiet ta' din il-kariga;

(f) biex jipprovdu dwar il-proċeduri ta' dixxiplina tal-Bord u l-penalitajiet li jista' jagħti, magħduda multi ta' mhux iżjed minn ħamsin lira, u s-sospensjoni jew it-tħassir ta' liċenzi;

(ġ) biex jipprovdu għall-ġbir ta' drittijiet ta' pilutaġġ u għat-tqassim tagħhom bejn il-bdoti, kif u meta jkun xieraq, u biex flus jitqiegħdu f'fondi stabbiliti jew li se jitkomplew taħt dan l-Att;

(h) biex jipprovdu li jkunu stabbiliti jew jitkomplew Fond ta' Stabilizzazzjoni, Fond għall-Manutenzjoni u Tiswija ta' Laneċ ta' Pilutaġġ, u Fond għal Bdil ta' Laneċ ta' Pilutaġġ u għat-tmexxija ta' dawk il-fondi;

(i) biex jipprovdu għall-għanijiet li għalihom dawk il-fondi għandhom jintużaw;

(j) biex jippreskrivu l-mod li bih dawk il-fondi għandhom ikunu finanzjati u biex jipprovdu dwar il-ġbir mingħand min jagħmel użu mis-servizz ta' pilutaġġ li jmur għal dawk il-fondi kollha jew għal uħud jew wieħed minnhom;

(k) biex jippreskrivu l-mod li bih jiġu addebitati dawk il-fondi;

(l) biex jirregolaw l-użu, il-bdil, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' laneċ, tagħmir u faċilitajiet li jkunu għad-dispożizzjoni ta' bdoti;

(m) biex jipprovdu għal titjib fis-servizz tal-pilutaġġ;

(n) biex jirregolaw il-mod li bih u l-kundizzjonijiet li taħthom il-bdoti għandhom jitilgħu u jinżlu minn bastimenti;

(o) biex jippreskrivu l-età ta' rtirar ta' bdoti;

(p) biex ifissru u jirregolaw l-użu ta' bandiera u sinjali ta' pilutaġġ;

(q) biex jipprojbixxu l-ħlas jew ir-riċeviment ta' drittijiet għal servizzi ta' pilutaġġ, jew għal servizzi anċillari għal, jew min bdoti, b'żieda ma' dawk id-drittijiet li jistgħu jkollhom jitħallsu taħt dan l-Att;

(r) biex jippreskrivu kull ħaġa li għandha jew li tista' tkun preskritta taħt din it-Taqsima ta' dan l-Att.

(2) Kull persuna li tikser jew li tonqos li tħares xi regolamenti magħmula, jew meqjusa li huma magħmula, taħt dan l-artikolu tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta'mhux iżjed minn elf lira jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

TAQSIMA VIII

Proċeduri Legali

Limitazzjoni ta' azzjoni.

65. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, ma tista' tittieħed ebda azzjoni kontra l-Awtorità jew kuntrattur dwar ir-responsabbilitajiet tagħhom taħt dan l-Att, jew għal xi telf jew ħsara li ssir lil xi persuna, bastiment, oġġetti, vetturi jew ħwejjeġ oħra huma x'inhuma abbord bastiment kemm-il darba —

(a) talba bil-miktub, li tagħti dawk il-partikolaritajiet li jistgħu jkunu b'mod xieraq meħtieġa, ma tingħatax lill-Awtorità jew lill-kuntrattur, skond il-każ, mhux iktar tard minn sitt xhur mid-data li fiha l-oġġetti kienu aċċettati mill-Awtorità jew mill-kuntrattur;

(b) l-azzjoni ma tinbedix fi żmien tnax-il xahar mill-imsemmija data:

Iżda l-Awtorità jew il-kuntrattur, skond il-każ, jista' jestendi ż-żmien speċifikat fil-paragrafu (a) ta' dan l-artikolu b'dak iż-żmien l-ieħor ta' mhux iżjed minn sitt xhur li jidhrilha xieraq jekk tkun sodisfatta li t-talba ma setgħetx issir b'mod xieraq fiż-żmien speċifikat kif intqal qabel:

Iżda wkoll l-Awtorità jew il-kuntrattur, skond il-każ, ma jkunux responsabbli għal aktar mil-limiti jew mill-ammonti stabbiliti b'liġi, jew f'dawk iċ-ċirkostanzi li jistgħu jkunu preskritti.

Ħlas żejjed jew nieqes.

66. Jekk l-ammont imħallas lill-Awtorità jew lill-kuntrattur għal xi drittijiet, rati, ħlasijiet jew pagamenti dovuti taħt dan l-Att, jinsab li ma jkunx korrett, f'dak il-każ, jekk dak l-ammont ikun —

(a) ħlas żejjed, il-persuna li tkun ħallset id-drittijiet, ir-rati, il-ħlasijiet jew il-pagamenti jkollha dritt għall-ħlas lura ta' l-ammont imħallas żejjed;

(b) ħlas inqas, l-Awtorità jew il-kuntrattur ikollhom id-dritt li jiġbru l-ammont nieqes mingħand il-persuna li tkun ħallset id-drittijiet, ir-rati, il-ħlasijiet jew il-pagamenti:

Iżda, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, dak il-ħlas żejjed jew ħlas nieqes ma jkunx jista' jittieħed lura jekk avviż bil-miktub, li jkollu dawk il-partikolaritajiet li b'mod xieraq ikunu meħtieġa, ma jingħatax mill-parti li titlob il-ħlas lura jew il-ġbir lill-parti li mingħandha jkun qed jintalab, mhux iktar tard minn sentejn wara li l-Awtorità jew il-kuntrattur skond il-każ, ikunu aċċettaw l-oġġetti, ħekk iżda li meta dak il-ħlas inqas ikun sar minħabba xi deskrizzjoni jew tagħrif li wara jinsabu li ma kienux korretti, dak iż-żmien ta' sentejn għandu jibda jgħodd mid-data li fiha l-Awtorità, jew il-kuntrattur, skond il-każ, għall-ewwel darba jsiru jafu li dik id-deskrizzjoni jew it-tagħrif ma kienux korretti.

Notifika ta' avviż.

67. Kull avviż jew dokument ieħor meħtieġ jew awtorizzat b'dan l-Att jew taħtu li jkun notifikat lil xi persuna mill-Awtorità jew mill-kuntrattur, jista' jkun notifikat —

(a) billi jkun konsenjat lill-persuna; jew

(b) billi jintbagħat bil-posta reġistrata indirizzat lill-persuna fl-indirizz tagħha tas-soltu jew fl-aħħar indirizz magħruf tagħha;

u jekk in-notifika ssir kif provdut fil-paragrafu (b) ta' dan l-artikolu, biex tiġi ppruvata n-notifika, ikun biżżejjed li jintwera li l-avviż jew dokument ieħor kien indirizzat u mpustat sewwa.

TAQSIMA IX

Reati u Dispożizzjonijiet Penali

Reati dwar fanali, bagi, eċċ.

68. Kull persuna li, xjentement jew bi traskuraġni —

(a) tneħħi jew tibdel xi fanal, baga, anterna jew dawl ieħor imqiegħda mill-Awtorità, jew

(b) tgħaddi minn ħdejn, torbot ma', jew titħabbel ma' xi fanal, baga, anterna jew dawl ieħor kif intqal qabel,

tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn elf lira.

Wiri ta' dawl li jista' jiġi mitfixkel ma' fanali, eċċ.

69. (1) Kull meta xi dawl ikun espost f'xi post jew b'dak il-mod li jista' jiġi mitfixkel ma' dawl li jkun ġej minn fanal, baga jew anterna, jew dawl ieħor imqiegħed mill-Awtorità, l-Awtorità tista' tinnotifika avviż lis-sid jew okkupant tal-post fejn id-dawl ikun espost jew lill-persuna li tkun inkarigata mid-dawl, li jordna lis-sid, lill-okkupant jew lill-persuna l-oħra, biex fi żmien xieraq li jkun speċifikat fl-avviż, jieħdu l-passi meħtieġa biex dak id-dawl jintefa' jew jitgħatta b'mod effettiv u biex ma jħallux li l-istess dawl jew dawl bħalu wara jerġa' jkun espost.

(2) Dan l-avviż jista' wkoll ikun notifikat billi jitwaħħal f'post fejn jidher sewwa ħdejn id-dawl li għalih jirriferixxi l-avviż.

(3) Kull sid, okkupant jew persuna oħra li lilhom ikun ġie notifikat avviż skond dan l-artikolu, li jonqsu mingħajr raġuni xierqa milli jħarsu d-direttivi li jkun hemm fl-avviż, ikunu ħatja ta' reat u jeħlu meta jinsabu ħatja, multa ta' mhux iżjed minn elf lira u *multa* oħra ta' mhux użjed minn mitt lira għal kull jum li matulu jkompli r-reat.

70. Kull minn xjentement ifixkel lil xi uffiċjal ta' l-Awtorità fil-qadi ta' dmirijietu taħt dan l-Att, jew lil xi persuna fit-twettiq ta' xi għemil li tkun awtorizzata tagħmel mill-Awtorità, ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija għal żmien ta'mhux iżjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux iżjed minn elfejn lira, jew dik il-multa u priġunerija flimkien. Tfixkil ta' dħul awtorizzat.

71. Jekk — Navigazzjoni mingħajr bdot.

(a) xi bastiment jinnaviga mingħajr bdot f'ċirkostanzi li għandu jitqabbad bdot taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew

(b) il-kaptan ta' bastiment jirrifjuta li jħares xi talba magħmula taħt l-artikolu 61 ta' dan l-Att, jew jagħmel jew ikun jaf li persuna oħra tkun għamlet xi dikjarazzjoni falza bi tweġiba għal talba bħal dik,

il-kaptan ta' dak il-bastiment ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn elfejn lira.

72. (1) Kull bdot li, waqt li jkun qed jippilota bastiment, bi ksur volontarju ta' dmir, jew b'negliġenza ta' dmir jew minħabba sokor — Ksur ta' dmir minn bdot.

(a) jagħmel xi att li jista' jġib it-telf immedjat, distruzzjoni jew ħsara serja lil dak il-bastiment jew li jista' minnufih iqiegħed f'periklu l-ħajja ta' xi persuna jew lil dik il-persuna; jew

(b) jiċħad jew jonqos milli jagħmel xi att leġittimu xieraq u meħtieġ li jsir minnu biex iħares dak il-bastiment minn telf, distruzzjoni jew ħsara serja, jew biex iħares mill-periklu l-ħajja ta' xi persuna jew lil dik il-persuna,

ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sena jew multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef lira, jew dik il-priġunerija u l-multa flimkien.

(2) Kull bdot li jonqos li jħares id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 62 ta' dan l-Att ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira.

73. Kull persuna li toffri s-servizzi tagħha bħala bdot jew taġixxi bħala bdot mingħajr il-permess ta' l-Awtorità u mingħajr ma jkollha l-liċenza xierqa, jew waqt li l-liċenza tagħha tkun imħassra, sospiża jew revokata, u kull bdot li jislef il-liċenza tiegħu lil, jew iħalli li l-liċenza tiegħu tkun użata minn xi persuna oħra, jew jippilota bastimenti barra mil-limiti speċifikati fil-liċenza tiegħu jew li jagħmilha ta' bdot waqt li jkun taħt l-influwenza ta' xorb jew drogi, ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sena jew multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef lira, jew dik il-priġunerija u multa flimkien. Pilutaġġ illegali.

74. Jekk il-kaptan, is-sid jew l-aġent ta' bastiment jew sid jew l-ispeditur jew il-kunsinnatarju ta' xi oġġetti, jevadi jew jipprova jevadi, Evazjoni ta' drittijiet, rati, eċċ.

b'xi mezz ikun li jkun, il-ħlas ta' xi drittijiet, rati, ħlasijiet jew pagamenti li għandhom jingabru taħt dan l-Att, ikun ħati ta' reat u jeħel meta jinsab ħati, priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar jew multa ta' mhux iżjed minn elf lira, jew dik il-priġunerija u multa flimkien u jista' b'żieda jeħel li jħallas lill-Awtorità bħala penali t-tripplu ta' l-ammont tad-drittijiet, rati, ħlasijiet jew pagamenti li jkun evada jew li jkun ipprova jevadi.

Nuqqas ta' tħaris ta' l-artikoli 30 u 31.

75. Kull kaptan ta' bastiment li jikser xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 30 jew 31 ta' dan l-Att, ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira, jew dik il-priġunerija u l-multa flimkien.

Prospetti foloz.

76. Kull persuna li tagħmel, sew xjentement jew bi traskuraġni, xi dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 30 jew 31 ta' dan l-Att, ikun ħati ta' reat u jew dokument ieħor li jkun meħtieġ jew awtorizzat li jsir b'dan l-Att jew taħtu, tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar jew multa ta' mhux iżjed minn tliet elef lira, jew dik il-priġunerija u l-multa flimkien.

Persuni li jipperikolaw ħajja jew proprjetà.

77. Jekk xi persuna tieħu sehem fit-tagħbija, ħatt jew tqegħid f'maħżen ta' oġġetti f'xi port tqiegħed f'periklu l-ħajja ta' xi persuna jew lil dik il-persuna jew tipperikola proprjetà —

(a) billi tikser xi waħda mis-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmula jew meqjusa li saru taħtu; jew

(b) b'xi att imferfex jew negliġenti,

tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux iżjed minn elf lira, jew dik il-priġunerija u multa flimkien.

Nuqqas ta' tħaris ta' direttiva ta' l-Awtorità jew ta' xi dispożizzjoni ta' dan l-Att.

78. Kull persuna li tonqos li tħares xi direttiva mogħtija mill-Awtorità fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħha taħt dan l-Att, jew li tonqos li tħares xi dispożizzjoni ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmula taħtu, tkun ħatja ta' reat, u jekk xi penali ieħor ma jkunx stabbilit f'dan l-Att għal dak ir-reat, teħel meta tinsab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef lira jew priġunerija ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-priġunerija u l-multa flimkien, u fil-każ ta' reat kontinwu multa oħra ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira għal kull jum li matulu jkompli r-reat.

Kuntrattur jitqies bħala uffiċjal pubbliku għall-finijiet tal-Kodiċi Kriminali. Kap. 9.

79. Kuntrattur u kull wieħed mill-impjegati tiegħu, barra minn ħaddiema tal-port reġistrati taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Ħaddiema tal-Port, fil-waqt li jkunu qed jaħdmu ix-xogħol tagħhom skond ftehim li jkun sar bejn l-Awtorità u l-kuntrattur taħt is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 8 ta' dan l-Att jitqiesu li huma uffiċjal jew impjegat pubbliku għall-finijiet tal-Kodiċi Kriminali u ta' kull liġi oħra ta' xorta penali.

80. Il-pieni provduti b'dan l-Att jew taħtu għandhom japplikaw kemm-il darba l-eġħmil ma jikkostitwix reat aktar gravi taħt il-Kodiċi Kriminali jew xi liġi oħra, f'liema każ dak il-Kodiċi jew dik il-liġi l-oħra għandhom japplikaw, ħekk iżda li ebda persuna ma tkun penalizzata darbtejn għall-istess eġħmil jew nuqqas. Riżerva għal dispożizzjonijiet penali oħra.

TAQSIMA X

Tħassir, Emendi u Riżerva

81. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, il-liġijiet li ġejjin, jiġifieri — Tħassir.

(a) l-Ordinanza dwar id-Drittijiet tal-Port, Kap. 100,

(b) l-Ordinanza dwar il-Portijiet, Kap. 170, u

(ċ) l-Att dwar id-Direttur tal-Portijiet, Kap. 224,

huma b'dan imħassra.

(2) (a) Kull riferenza f'kull liġi oħra għall-Ordinanza dwar il-Portijiet, u għall-Ordinanza dwar id-Drittijiet tal-Port għandha f'kull każ tinqara u tinftiehem bħala riferenza għall-Att ta' l-1991 dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta; u Kap. 170. Kap. 100.

(b) Kull riferenza f'xi liġi oħra għad-Direttur tal-Portijiet, s-Suprintendent tal-Portijiet u għad-Dipartiment tal-Port għandha f'kull każ tinqara u tinftiehem bħala riferenza għall-Awtorità Marittima ta' Malta mwaqqfa taħt dan l-Att.

82. Il-liġijiet murija fl-Ewwel Kolonna tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att għandu jkollhom effett skond l-emendi murija fit-Tieni Kolonna ta' dik l-Iskeda f'dik id-data jew dati li l-Ministru jista' b'Ordni fil-Gazzetta jistabbilixxi; b'dan li l-Ministru jista' jistabbilixxi dati differenti li fihom l-emendi, jew partijiet minnhom, murija fit-Tieni Kolonna ta' dik l-Iskeda għandhom jibdew iseħħu. Emenda ta' liġijiet.

83. (1) Ebda ħaġa fl-artikoli 81 u 82 ta' dan l-Att ma ttellef il-validità ta' xi ħaġa li tkun saret qabel id-data tal-bidu fis-seħħ tagħhom taħt xi waħda mil-liġijiet li bihom qed jitħassru jew jiġu emendati, jew ta' xi jedd, obbligu jew responsabbiltà akkwistati, derivati jew magħmula qabel l-imsemija data jew ta' xi responsabbiltà għal proċeduri kriminali għal xi għemil jew nuqqas li jkun ġara qabel dik id-data. Riżerva.

(2) Kull meta taħt xi waħda mil-liġijiet imħassra jew emendati b'dan l-Att, jew xi regolamenti magħmula jew meqjusa li huma magħmula bis-saħħa tiegħu, xi avviż, att, azzjoni, proċeduri jew xi ħaġ'oħra hi x'inhi, ikunu ngħataw jew inbdew mid-Direttur tal-Portijiet jew kontra tiegħu, dak l-avviż, att, azzjoni, proċedura jew ħaġ'oħra jistgħu jitkomplew mill-Awtorità jew kontra tagħha daqslikieku dak l-avviż, att, azzjoni, proċedura jew ħaġ'oħra jkunu ngħataw jew inbdew mill-Awtorità, jew kontra tagħha, u kull jedd jew responsabbiltà, akkwistat, derivat, jew magħmul minn, u kull jedd ħekk mogħti lid-Direttur tal-Portijiet taħt l-Ordinanza dwar il-Portijiet, u taħt kull liġi oħra, għandhom, mal-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu jsiru jedd jew responsabbiltà ta', u jeddijiet mogħtija lill-Awtorità.

(3) Ir-regolamenti, l-ordnijiet u l-leġislazzjoni sussidjarja kollha magħmula taħt jew miżmuma fis-seħħ bl-Ordinanza dwar il-Portijiet jew bl-Ordinanza dwar id-Drittijiet tal-Portijiet, u li jkunu fis-seħħ qabel ma jiġi fis-seħħ dan l-artikolu, għandhom ikomplu fis-seħħ wara daqslikieku kienu magħmula taħt id-dispożizzjoni korrispondenti ta' dan l-Att u għandhom ħekk jitqiesu.

(4) Kull fondi stabbiliti b'xi waħda jew taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-liġijiet imħassra b'dan l-artikolu għandhom, minkejja dak it-tħassir, u mid-data tiegħu, ikomplu jseħħu daqslikieku kienu stabbiliti taħt id-dispożizzjoni korrispondenti ta' dan l-Att, u għandhom ħekk jitqiesu.

(5) Kull liċenza, permess jew awtorità oħra mogħtija taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-liġijiet imħassra bl-artikolu 81 ta' dan l-Att u li jkunu għadhom fis-seħħ minnufih qabel dak it-tħassir, għandhom ikomplu fis-seħħ wara daqslikieku kienu liċenza, permess jew awtorità mogħtija taħt id-dispożizzjonijiet korrispondenti ta' dan l-Att, u għandhom ħekk jitqiesu.

Att tal-1989 dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta.

Att XXVI tal-1989.

84. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 83 ta' dan l-Att, l-ebda wieħed mill-jeddijiet, dmirijiet, setgħat u obbligi mogħtija lill-Awtorità bis-saħħa ta' dan l-Att, ma għandha tnaqqas jew tibdel xi wieħed mill-jeddijiet, dmirijiet, setgħat u obbligi mogħtija lill-Awtorità tal-Portijiet Ħielsa bis-saħħa ta' l-Att ta' l-1989 dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta.

L-EWWEL SKEDA

Artikoli 27 u 54

Portijiet

Taqsima I

Il-Port il-Kbir tal-Belt Valletta.

Taqsima II

1. Il-Port ta' Marsamxett.
2. Il-Port ta' Marsaxlokk.
3. San Pawl il-Baħar.
4. Il-postijiet ta' żbark —
   (a) fir-Ramla-il-Bir;
   (b) fiċ-Ċirkewwa.
5. L-Imġarr, Għawdex.

Taqsima III

1. Il-Port il-Kbir tal-Belt Valletta.
2. Il-Port ta' Marsamxett.
3. Il-Port ta' Marsaxlokk.
4. Il-Port ta' l-Imġarr, Għawdex.

Taqsima IV

1. Iċ-Ċentru tal-*Yachting* f'Ta' Xbiex.
2. Iċ-Ċentru tal-*Yachting* fl-Imsida.
3. Iċ-Ċentru tal-*Yachting* f'Tas-Sliema.
4. Iċ-Ċentru tal-*Yachting* fl-Imġarr, Għawdex.

IT-TIENI SKEDA

Artikolu 82

Emendi ta' Liġijiet

L-Ewwel Kolonna Liġi	It-Tieni Kolonna Safejn tiġi emendata
Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija Kap. 10.	Fl-artikolu 2, minnufih wara t-tifsira "arkitett" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja: "il-kelma "Awtorità Marittima ta' Malta" tfisser l-Awtorità mwaqqfa skond l-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta ta' l-1991.".

Fl-artikolu 218 minflok il-kelma "Ħadd" għandhom jidħlu l-kliem "Ħlief kif provdut f'xi liġi oħra, ħadd" u minflok il-kliem "mid-Direttur tal-Portijiet" għandhom jidħlu l-kliem "mill-Awtorità Marittima ta' Malta.".

Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 219 minflok il-kliem "Il-Ministru responsabbli għall-portijiet" għandhom jidħlu l-kliem "Ħlief kif provdut f'xi liġi oħra, il-Kummissarju tal-Pulizija".

L-artikoli 220 u 221 għandhom jitħassru.

Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 224 minflok il-kliem "Ħadd ma jista' jħalli" għandhom jidħlu l-kliem "Ħlief kif provdut f'xi liġi oħra, ħadd ma jista' jħalli".

Fl-artikolu 226 minflok il-kliem "Kummissarju tal-Pulizija." għandhom jidħlu l-kliem "Kummissarju tal-Pulizija mogħtija bil-kunsens ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta.".

Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 229 minflok il-kliem "tad-Direttur tal-Portijiet" għandhom jidħlu l-kliem "ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta".

Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 231 minflok il-kliem "Kummissarju tal-Pulizija." għandhom jidħlu l-kliem "Kummissarju tal-Pulizija, u jekk id-dgħajsa li tkun ser tintuża għal dak in-negozju ma tkunx reġistrata skond l-Att ta' l-1991 dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta.".

L-artikoli 232, 233 u 234 għandhom jitħassru.

L-artikolu 237 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) minflok il-kliem "lid-Direttur tal-Portijiet" għandhom jidħlu l-kliem "lill-Awtorità Marittima ta' Malta";

(b) fit-test Malti, minflok is-subartikoli (2), (3) u (4) għandu jidħol dan li ġej:

"Setgħat ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta.

(2) Meta jkun meħtieġ jew jaqbel illi xi kwantità ta' munizzjon jew espluzivi oħra jew ta' xi tagħbija oħra ta' xorta perikoluża li tkun abbord xi bastiment merkantili tinħatt temporanjament waqt li l-bastiment ikun f'xi port ta' Malta, l-Awtorità Marittima ta' Malta tkun tista' taħtar x'imkien fejn għandha titqiegħed dik il-merkanzija, u tordna lill-kaptan tal-bastiment li jaħżen dik il-merkanzija fejn hija tkun ħatret.

(3) Jekk il-kaptan jonqos li jesegwixxi dan l-ordni minnufih, l-Awtorità Marittima ta' Malta tista' tesegwixxi dak l-ordni bi spejjeż u b'riskju tal-kaptan.

(4) L-Awtorità Marittima ta' Malta m'għandiex tħalli s-safar tal-bastiment mgħobbi b'dik il-munizzjon jew esplużivi jew tagħbija ta' xorta perikoluża jew l-irtir ta' xi parti minn dik il-merkanzija, sakemm ma jkunux tħallsu lilha l-ispejjeż tat-trasport u ħarsien ta' dik il-merkanzija u ta' dak il-bastiment."; u

(ċ) fit-test Ingliż, fis-subartikoli (2) u (3) minflok il-kliem "Director of Ports" kull fejn jidhru, għandhom jidħlu l-kliem "Malta Maritime Authority" u fis-subartikolu (4) minflok il-kliem "The Director of Ports" għandhom jidħlu l-kliem "The Malta Maritime Authority".

Fit-test Malti, l-artikolu 238 għandu jitħassar u minfloku jidħol dan li ġej:

"L-Awtorità Marittima ta' Malta għandha tagħmel tfittxija fuq bastiment li jkun qiegħed iħott tagħbija perikoluża

238. L-Awtorità Marittima ta' Malta għandha tagħmel tfittxija bir-reqqa fuq kull bastiment merkantili li jkun ħatt munizzjon jew esplużivi oħra jew xi tagħbija oħra ta' xorta perikoluża, sabiex hi tiżgura ruħha li ma baqa' xejn iżjed abbord; u għaldaqshekk tista' tieħu kull pass li jidħrilha meħtieġ.".

Fit-test Ingliż, fl-artikolu 238 minflok il-kliem "Director of Ports" kull fejn jidhru għandhom jidħlu l-kliem "Malta Maritime Authority".

L-artikoli 239 sa 269, it-tnejn inklużi, għandhom jitħassru.

Minflok is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 270 għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Dik il-liċenza ma tiġix mogħtija, jew imġedda, ħlief b'ċertifikat validu ta' reġistrazzjoni tad-dgħajsa u ċertifikati validi oħra li għandhom x'jaqsmu ma' *seaworthiness* u ma' sigurtà tal-ħajja fuq il-baħar, meħtieġa skond l-Att ta' l-1991 dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta.".

Fl-artikolu 277 minflok il-kliem "l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku" għandhom jidħlu l-kliem "Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku bil-kunsens ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta.".

Fl-artikolu 281 minflok il-kliem "Kummissarju tal-Pulizija" għandhom jidħlu l-kliem "Awtorità Marittima ta' Malta".

Is-subartikoli 287 u 288 għandhom jitħassru.

Fis-subartikolu 289 minflok il-kliem "jaħdmu bħala dgħajjes tal-passiġġieri jew bħala dgħajjes ta' l-irmonk." għandhom jidħlu l-kliem "jaħdmu bħala dgħajjes tal-passiġġieri.".

L-artikolu 290 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (2) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala subartikolu (3);

(b) minflok is-subartikolu (1) għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Kull tali dgħajsa ta' l-istim għandu jkollha liċenza, li tiġi maħruġa mill-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku.

(2) Dik il-liċenza ma tistax tingħata, jew tiġi mġedda, ħlief b'ċertifikat ta' reġistrazzjoni tad-dgħajsa u ċertifikati validi oħra li għandhom x'jaqsmu ma' l-buk, mat-tagħmir u ma' l-makkinarju maħruġa skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili jew ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta."; u

(ċ) fis-subartikolu (3) kif enumerat mill-ġdid il-kliem "in-numru ta' puntuni jew il-purtata tal-bastiment li tista' tirmonka," għandhom jiġu mħassra.

L-artikoli 291 sa 294 għandhom jiġu mħassra.

F'artikolu 296 minflok il-kliem "Is-sid" għandhom jidħlu l-kliem "Ħlief jekk mhux provdut mod ieħor fir-regolamenti magħmulin skond l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili jew ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta, biex tiżgura is-sigurtà tal-ħajja fuq il-baħar, is-sid", u minnufih wara l-kliem "inġinier kompetenti" għandhom jidħlu l-kliem "nominat bħala inġinier-*surveyor* ta' bastimenti skond l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili".

L-artikolu 297 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "Is-sid" għandhom jidħlu l-kliem "Ħlief jekk mhux provdut mod ieħor fir-regolamenti magħmulin skond l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili jew ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta, biex tiżgura is-sigurtà tal-ħajja fuq il-baħar, is-sid", u minnufih wara l-kliem "surveyor ta' bastimenti" għandu jidħol il-kliem "nominat skond l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili";

(b) fil-paragrafu (d) minflok il-kelma "port;" għandha tidħol il-kelma "port."; u

(ċ) il-paragrafu (e) għandu jiġi mħassar.

L-artikolu 298 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "Iċ-ċertifikati" għandhom jidħlu l-kliem "Ħlief jekk mhux provdut mod ieħor fir-regolamenti magħmulin skond l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili jew l-Att ta' l-1991 dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta, iċ-ċertifikati";

(b) minflok il-kliem "il-Kummissarju tal-Pulizija meta jirreferu għal dgħajjes ta' l-irmonk, u f'idejn l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku meta jirreferu għal dgħajjes tal-passiġieri" għandhom jidħlu l-kliem "l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku"; u

(ċ) minflok il-kliem "Kummissarju tal-Pulizija, jew ta' l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku, skond il-każ" għandhom jidħlu l-kliem "Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku".

L-artikoli 299, 300, 301 u 304 għandhom jitħassru.

L-artikoli 307 u 308 għandhom jitħassru u jinbidlu kif ġej:

"Liċenza għal barklori.

307. Ħadd ma jista' jaħdem ta' barklor ta' dgħajsa tal-passiġġieri mingħajr liċenza mill-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku.

Kondizzjonijiet għall-għoti tal-liċenza.

308. Dik il-liċenza ma tistax tingħata lil ebda baħri li ma jkollux ċertifikat xieraq ta' kompetenza, jew ċertifikat ta' proficjenza, jew liċenza maħruġa skond l-artikolu 91 ta' l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, jew lil kull baħri li fil-fehma ta' l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku mhux xi persuna kapaċi u xierqa biex taħdem ta' barklor.".

Fl-artikolu 309 minflok il-kliem "Ordinanza tad-Dwana." għandhom jidħlu l-kliem "Ordinanza tad-Dwana, jew jekk iċ-ċertifikat ta' kompetenza jew ċertifikat ta' proficjenza jew liċenza, skond il-każ, maħruġ lid-detentur skond l-artikolu 91 ta' l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili tkun ġiet imħassra jew sospiża.".

Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili Kap. 12.

Fl-artikolu 830, minnufih wara s-subartikolu (2), għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Mandat għall-impediment tat-tluq ta' vapur jew bastiment għandu jitħassar, fuq rikors ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta, jekk il-Qorti tkun sodisfatta li, minħabba x-xorta tal-merkanzija tiegħu jew minħabba t-

tul jew il-pixka tiegħu jew minħabba ċirkostanzi oħra dwar sigurezza, navigazzjoni jew operazzjonijiet tal-port, ikun jaqbel li l-vapur jew il-bastiment għandu jħalli l-port mingħajr dewmien.".

Ordinanza dwar il-Ħaddiema tal-Port Kap. 171.

Ħlief kif provdut f'din l-Iskeda —

(a) minflok il-kliem "Direttur tal-Portijiet", kull fejn jinsabu fl-Ordinanza, għandha tidħol il-kelma "Direttur";

(b) minflok il-kliem "*Manager* tal-Ħaddiema tal-Port", kull fejn jinsabu fl-Ordinanza, għandha tidħol il-kelma "Awtorità";

(ċ) minflok il-kliem "Ministru responsabbli għall-Portijiet", kull fejn jinsabu fl-Ordinanza, għandha tidħol il-kelma "Ministru";

(d) minflok il-kliem "Dipartiment tal-Port", kull fejn jinsabu fl-Ordinanza, għandha tidħol il-kelma "Awtorità";

(e) minflok il-kliem "l-Ordinanza dwar il-Portijiet", kull fejn jinsabu fl-Ordinanza għandhom jidħlu l-kliem "l-Att ta' l-1991 dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta" u l-espressjoni "Kap. 170" kull fejn tidher fil-marġini għandha titħassar.

L-artikolu 2 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira ta' "Att" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

""Awtorità" tfisser l-Awtorità Marittima ta' Malta mwaqqfa taħt l-Att ta' l-1991 dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta;":

(b) it-tifsira ta' "dipartiment" u ta' "Direttur tal-Portijiet" għandhom jitħassru;

(ċ) minflok it-tifsira ta' "Direttur" għandha tidħol din li ġejja:

""Direttur" tfisser id-Direttur Eżekuttiv responsabbli għall-portijiet maħtur taħt l-artikolu 8 ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta;":

(d) it-tifsira ta' "*Manager* tal-Ħaddiema tal-Port" għandha titħassar u minflokha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

""Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-portijiet, u tinkludi kull persuna li taġixxi taħt l-Awtorità tiegħu;".

Minflok il-proviso għas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 għandu jidħol dan li ġej:

"Iżda, fit-tmiem ta' dak il-perijodu, r-reġistrazzjoni tista' tiġġedded.".

Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 5, il-kliem "b'konsultazzjoni mad-Direttur tal-Portijiet" għandhom jitħassru;

Minflok l-artikolu 9 għandu jidħol dan li ġej:

"Provista ta' ħaddiema tal-port.

9. (1) Il-provvista ta' ħaddiema tal-port għal xogħol tal-port partikolari jew lil prinċipali partikolari għandha ssir permezz ta' l-Awtorità.

(2) L-Awtorità għandha —

(a) tipprovdi, skond dak is-sistema li jkun stabbilit b'ordni li jkun fis-seħħ skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 8 ta' din l-Ordinanza, u bla ħsara għal dawk il-kundizzjonijiet li jistgħu jiġu preskritti, ħaddiema tal-port lil prinċipali għal kull xogħol tal-port awtorizzat mid-Direttur f'dawk in-numri, ordni u preċedenza li jista' jiġi stabbilit mid-Direttur;

(b) tiżgura l-ammont ta' drittijiet li jkollhom jitħallsu lil min jimpjega lill-ħaddiema tal-port skond dik it-tariffa li tista' ssir bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, tiġbor dawk id-drittijiet mingħand il-persuna responsabbli għall-ħlas tagħhom, u li tħallas lil dawk il-ħaddiema tal-port dawk id-drittijiet li jkunu dovuti lilhom skond id-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza;

Att X ta' l-1987.

(ċ) b'dak kollu li hemm fid-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali, tiġbor mingħand il-prinċipali ta' ħaddiema tal-port u mingħand il-ħaddiema tal-port kull kontribuzzjoni li tista' tkun dovuta minnhom għall-finijiet ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u tħallas bix-xahar lura l-kontribuzzjonijiet kollha hekk miġbura f'dik il-forma u b'dak il-mod li l-Ministru

responsabbli għas-sigurta' soċjali jista', bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, minn żmien għal żmien jistabbilixxi, u tkun responsabbli għall-kustodju tal-karti tas-sigurta' relattivi;

(d) żżomm u tipprovdi dawk ir-reġistri ta' mpieg u qliegħ;

(e) tirreġistra l-attendenzi u l-assenzi ta' ħaddiema tal-port;

(f) tagħti dawk il-prospetti u statistiċi dwar l-impieg ta' ħaddiema tal-port li jistgħu jkunu meħtieġa;

(ġ) tiżgura u tiġbor is-*surcharge* amministrattiv speċifikat fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu u żżomm kont tad-dħul u spejjeż kollha li għandhom x'jaqsmu miegħu separatament minn kont tad-dħul u spejjeż kollha li għandhom x'jaqsmu ma' kull flejjes oħra:

Iżda kull kont bħal dan għandu —

(i) jinżamm f'dik il-forma li l-Bord jista' jistabbilixxi; u

(ii) ikun suġġett għall-ispezzjoni mill-Bord;

(h) taqdi dawk il-funzjonijiet l-oħra li jistgħu jiġu preskritti.

(3) L-Awtorità, wara konsultazzjoni mal-Bord, u bl-approvazzjoni tal-Ministru, għandha tiġbor mingħand prinċipali ta' ħaddiema tal-port *surcharge* amministrattiv ikkalkulat fuq perċentaġġ tal-pagi gross ta' l-ħaddiema tal-port, li tista' tkun preskritta minn żmien għal żmien.

(4) Sabiex taqdi l-funzjonijiet tagħha skond is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu l-Awtorità għandha s-setgħa li titlob lil kull prinċipal ta' ħaddiema tal-port biex jagħti dak it-tagħrif magħduda dokumenti f'dak il-ħin u f'dak il-post li tista' tinħtieġ.

Fl-artikolu 21, it-tieni proviso għandu jitħassar.

Fit-Tieni u fit-Tielet Skeda, minflok il-kliem "mill-Avukat Ġenerali bħala dejn ċivili dovut lill-Gvern ta' Malta" li hemm fil-paragrafu (2) ta' kull waħda minn dawk l-Iskedi, għandhom jidħlu l-kliem "mill-Awtorità bħala dejn ċivili dovut lilha"."

Att dwar il-Bastimenti Merkantili Kap. 234.

Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih qabel it-tifsira "mgħoddija mid-dwana" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

""Awtorità" tfisser l-Awtorità Marittima ta' Malta stabbilita bl-Att ta' l-1991 dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta;";

(b) minflok it-tifsira ta' "Reġistratur Ġenerali" għandha tidħol din li ġejja:

"Reġistratur Ġenerali" tfisser ir-Reġistratur Ġenerali ta' Bastimenti u Baħrin kif provdut fl-artikolu 363 ta' dan l-Att;";

Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 minflok il-kliem "Bastimenti ta' tul ta' mhux iżjed minn erba' u għoxrin metru" għandu jidħol il-kliem "Bastimenti reġistrati taħt l-Att ta' l-1991 dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta u bastimenti ta' tul ta' mhux iżjed minn erba' u għoxrin metru";

Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 363 għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Għandu jkun hemm Reġistratur Ġenerali ta' Bastimenti u Baħrin li l-kariga tiegħu tkun okkupata minn Direttur Eżekuttiv ta' l-Awtorità, u li, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta, għandu jieħu s-sorveljanza ġenerali ta' dak kollu li għandu x'jaqsam ma' bastimenti merkantili u ma' baħrin u li jiżgura t-tħaris tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att"; u

Fl-artikolu 364 minflok il-kliem "il-Ministru" kull fejn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "l-Awtorità".

Minflok l-Iskeda Tnejn għandu jidħol dan li ġej:

"IT-TIENI SKEDA
[Artikolu 69]

Dokumenti li jkunu fil-forma preskritta mill-Ministru

1. Att ta' Bejgħ
2. Ċertifikat ta' Reġistrazzajoni ta' *Bareboat Charter*
3. Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni

4. Ċertifikat ta' *Surveyor*
5. Dikjarazzjoni ta' *Bareboat Charter* minn nolleggatur individwali
6. Dikjarazzjoni ta' *Bareboat Charter* f'isem korp guridiku bħala nolleggatur
7. Dikjarazzjoni tal-kreditur ipotekarju li jakkwista bi trassmissjoni
8. Dikjarazzjoni ta' sid li jakkwista bi trassmissjoni
9. Dikjarazzjoni ta' proprjetà minn sid individwali
10. Dikjarazzjoni ta' proprjetà minn akkwirent individwali
11. Dikjarazzjoni ta' proprjetà f'isem korp ġuridiku bħala sid
12. Dikjarazzjoni ta' proprjetà f'isem korp ġuridiku bħala akkwirent
13. Ipoteka Navali
14. Ċertifikat ta' reġistrazzjoni provviżorju
15. Trasferiment ta' Ipoteka Navali.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 539 tas-26 ta' Ġunju, 1991.

LAWRENCE GONZI
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati.